# *Fejn Tmur il-Qalb* fl-Isfond Demografiku Malti tas-Seklu Għoxrin

**Simon Mercieca**

## Daħla Qasira Bijografika

Fis-siegħa ta' filgħodu tad-19 ta' Ottubru 1929 twieled f'Bormla Victor Grech, bin Joseph Grech u Caterina Gafà. Kif kien jiġri f'dik il-ħabta, ġie mgħammed dakinhar li twieled. L-ismijiet mogħtija lilu fil-magħmudija kienu Victorius, Josephus Maria, Carmelus, Generosus, Michael. Il-parrinijiet kienu Carmelus Gafà u martu Maria[1] jiġifieri z-zijiet materni tiegħu. Il-koppja Grech iżżewġet iż-Żejtun, eżattament fil-kappella tal-Ispirtu s-Santu, nhar l-20 ta' April 1926.[2] F'dan iż-żwieġ joħorġu numru ta' fatturi li madwarhom se nkun qed nibni l-analiżi demografika tiegħi.

Il-familja Grech kienet min-naħa tal-Kottonera. Missieru Joseph kien minn Bormla u twieled nhar is-27 ta' Marzu 1897.[3] Missier Joseph kien Emmanuele Grech li kien bin Paolo u martu Michelina Scicluna. Huma wkoll kienu minn Bormla. Emmanuele żżewweġ l-Isla lil Victoria Diacono nhar il-25 ta' Jannar 1891. Victoria kienet bint is-Sengleani Vincenzo Diacono u martu Carmela Farrugia.[4] Iżda Victoria marret

---

1 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Baptivat Liber 1927-1931*, Vol. XXIV, Att 19 ta' Ottubru 1929, p. 153.

2 Arkivju Parrokkjali Żejtun, *Liber Matrimoniorum,* Vol. XVIII, Januarius 1919-Decembris 1934, f. 112r.

3 Arkivju Parrokkjali, Bormla, *Baptivatorum Liber*, Vol. XX, f. 13r. Att 1 ta' April 1897.

4 AAM, *Schedule Matrimoniali 1891-94*, p. 5.

tgħix mar-raġel tagħha f'Bormla. Il-fatt li huwa ssemma Victor juri ċar il-konnessjoni li kien għad baqa' ma' Senglea, li tiċċelebra l-festa tal-Vittorja u lejn in-nanna materna tiegħu, li ġie msemmi għaliha (Appendiċi 1). Dun Victor isostni li n-nanna tiegħu, Victoria Diacono, kienet tiġi mis-surmast Żejtuni Carlo Diacono, waqt li missieru Ġużeppi kien jiġi mis-surmast Bormliż Paolino Vassallo. Omm Paolino Vassallo, Victoria Scicluna, u l-bużnanna ta' Dun Victor, Michelina Scicluna, kienu aħwa.[5]

Kif wieħed jistenna, il-familja Gafà kienet Żejtunija. Omm Dun Victor twieldet iż-Żejtun nhar l-4 ta' Marzu 1897.[6] Missier ommu, Mikiel Gafà, iżżewweġ lil Maria Bonnici fil-knisja taż-Żejtun nhar id-29 ta' April 1888. Il-ġenituri ta' Mikiel kienu Giovanni Battista Gafà u Giuseppa Ellul. Il-ġenituri ta' Maria Bonnici kienu Giuseppe Bonnici u martu Carmela wkoll Bonnici. Dawn kollha kienu Żwieten.[7] Infatti, kien hemm prevalenza fuq il-linja materna fejn ġenerazzjoni wara oħra żżewġu u baqgħu jgħixu fiż-Żejtun (Ara Appendiċi 2). Peress li baqgħu jgħixu fl-istess raħal, l-istudju fuq din il-familja jagħtina ħjiel ta' kif kienu jsiru ż-żwiġijiet meta l-familji jibqgħu jgħixu ġenerazzjoni wara ġenerazzjoni fl-istess post. Żwiġijiet bejn koppji li kienu terzi kuġini kienu qed ikunu evitati u b'hekk kien qed ikun irrispettat id-divjet tal-Knisja fejn kienet tiskoraġġixxi żwiġijiet sar-raba' rabta ta' konsangwinità.[8] Bħalma juri l-istess arblu tar-razza tal-linja ta' ommu, Caterina Gafà, u l-preżenza ta' kunjomijiet komuni, żwiġijiet fl-istess familji qed ikunu evitati sa terzi kuġini u għalhekk wieħed irid ifittixhom mill-kwarti kuġini 'l quddiem (Appendiċi 4).

Meta żżewweġ, missier Dun Victor kien iltim, għaliex kemm missieru u kemm ommu kienu ġa mejtin. L-istess ġara meta żżewġet in-nanna materna tiegħu, Victoria Diacono, fl-1891. Ommha, Carmela Farrugia,

5 Kemm iż-żwieġ ta' omm u missier Paolino Vassallo, jiġifieri, Salvatore Vassallo u Victoria Scicluna, kif ukoll iż-żwieġ ta' Paolo Grech u Michelina Scicluna, ma jinstabux fir-reġistri taż-żwiġijiet Maltin. Dan jista' jkun indikazzjoni li dawn kienu familji ta' Maltin emigrati, li żżewġu barra u ġew lura Malta.

6 Arkivju Parrokkjali Żejtun, *Liber Baptizatorum Vol. XXII, Julii 1893-Decembris 1900*, p. 80. L-informazzjoni dwar l-att tat-twelid mogħtija fl-applikazzjoni għall-passaport dwar ommu, Caterina (Kitty) hija żbaljata.

7 Arkivju Parrokkjali, Żejtun, *Matrimonium Liber*, Vol. XVI, 1874-1896, f. 20r.

8 Jean-Louis Flandrin, *Families in Former Times: Kinship, Household and Sexuality*, Cambridge University Press, Cambridge, 1982, p. 24.

kienet ġa mejta.[9] Kienet realtà prevalenti f'dawk iż-żminijiet li nofs iż-żwiġijiet ikollhom xi wieħed mill-ġenituri li jkun diġà mejjet meta t-tfal jaslu biex jiżżewġu. Jekk wieħed iħares lejn l-arblu tar-razza tal-familja Gafà jsib numru ta' żwiġijiet fejn wieħed mill-ġenituri kien mejjet fiż-żwieġ tat-tfal tiegħu (Ara Appendiċi 2). It-tieni fattur huwa l-età tal-omm. Omm Dun Victor kellha 29 sena meta żżewġet, età pjuttost avvanzata għal dak iż-żmien. Normalment, ix-xebbiet kienu jiżżewġu f'età ħafna iżgħar, meta kienu jkunu qrib l-għoxrin sena.

Bħal ħafna Bormliżi ta' dik il-ħabta, missieru Joseph kien jaħdem fin-navy Ingliża. Daħal fin-Navy Ingliża meta kellu 17-il sena u daħal fin-Navy direttament mill-Ingilterra. Kien ġa fin-navy Ingliża fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija, jew kif kienu jafuha l-Maltin bħala l-Gwerra l-Kbira. Il-vapur li kien fuqu kien ġie mgħarraq mis-submarines Ġermaniżi, wara li laqtuh b'torpedo. Ħafna mill-baħħara mietu. Missieru salva. Kien għawwiem tajjeb. Għamel xi sagħtejn f'wiċċ il-baħar, iżomm ma' biċċa tavlun, sakemm ġie salvat.

L-għażla tal-familja li tmur toqgħod Bormla wara ż-żwieġ kienet marbuta ma' din ir-realtà tal-baħar. Meta żżewġu marru joqogħdu f'54, *Strada San Giorgio*, wisq probabbli fid-dar fejn Joseph kien joqgħod qabel iż-żwieġ. Iżda x-xogħol fuq il-baħar wassal ukoll lill-familja biex tivvjaġġa. Wara ż-żwieġ, ommu kienet marret sentejn Ġibiltà peress li missieru kien stazzjonat hemm. F'dan il-perjodu, missier Dun Victor kien qed jaħdem ta' kok fuq id-destroyer, l-HMS Splendid.[10] Fl-1931, l-HMS Splendid kien ġie mgħarraq (scuttled). Skont Dun Victor, fiż-żmien li għamlet Ġibiltà, il-mamà tiegħu tgħallmet titkellem bl-Ispanjol. L-ewwel tarbija wellditha Malta, imma kienet ġiet imnissla f'Ġibiltà.

Meta ġiet minn Ġibiltà, il-familja reġgħet marret toqgħod f'Bormla. Għall-ewwel kienet toqgħod fi *Strada Toro* (illum Triq il-Gendus) numru 51,[11] fejn twieldu Josepha,[12] u Victorius.[13] Il-koppja Grech kellha aktar ulied f'Bormla. Fid-dar numru 15, *Via San Giuseppe,* twieldet Maria,[14]

9 AAM, *Schedule Matrimoniali 1891-94*, p. 5.

10 National Archives of Malta (NAM), Rabat, NFA 01, 2714/1926.

11 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Defunct Liber 1918-1929*, Vol. XIV, f. 414r.

12 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Baptivat Liber 1927-1931*, Vol. XXIV, Att 3 ta' Lulju 1928, p. 66v.

13 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Baptivat Liber 1927-1931*, Vol. XXIV, Att 19 ta' Ottubru 1929, p. 153.

14 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Baptizato Liber 1931-1936*, Vol. XXV, Att 5 ta' Frar 1932. f. 11v.

u f'numru 53, *Via Oratorio*, twieled Joseph.[15] Dun Victor Grech jiftakar il-familja toqgħod fi *Strada Toro* u wisq probabbli kienu jibqgħu f'din it-triq kieku l-gwerra ma ħarbtitx il-ħajja ta' ħafna fl-ibliet tal-port tagħna. Skont Dun Victor kien hemm tarbija oħra li mietet prattikament mat-twelid.

Dun Victor Grech ma jiftakarx ħafna mit-tfulija tiegħu, u l-ħbieb li kellu Bormla tilef kull kuntatt magħhom. Iżda bħat-tfal l-oħra ta' żmienu, ġugarelli ma kellux. Minfloku kienu jilagħbu tal-knisja. Ħuh Joseph, jew kif inhu magħruf fil-qosor Joe (Joe Grech kien l-ewwel kantant Malti li ħa sehem fil-Eurovision) jiddeskrivi hekk dawn iż-żminijiet:

> *"Minn meta kien żgħir ħafna kien jilgħab biss bil-knisja, ta' qassis. Toys ma kellux. Kien isib xi purtiera antika ta' ommi, jagħmel toqba fin-nofs, idaħħalha f'rasu taparsi l-pjaneta, u jgħidilna 'ejjew ħa tisimgħu l-quddies'. U kien 'iqarbinna' wkoll. Jien kont nagħmel ir-rwol ta' sagristan. Hekk biss kien il-logħob tiegħu".*

Fis-snin 30, kien hemm numru ta' tfal f'Bormla li 'l quddiem saru patrijiet jew qassisin fosthom Karmenu Cauchi (li sar Agostinjan u ħa l-isem ta' Marku), Pawlu Mintoff (li sar Patri Dijonisju), u wieħed Kapuċċin Patri Gabrijel Bartolo li għalkemm ma kienx minn Bormla, għax kien mill-Qala, kien ġie żgħir Bormla. Għomru għaddieh kappillan tal-Isptar Boffa. Kien hemm ukoll Patri Leopoldu Tabone u ħuh, Patri Krispin, u anki Patri Gejt Galea. Dawn it-tlieta kienu saru Kapuċċini. Kien hemm ukoll id-Dumnikan Patri Ġwann Frendo. Dawn il-patrijiet iddedikaw ħajjithom għal xogħol fil-komunità. Kien hemm numru ta' tfal oħra li wara saru qassisin, bħal Dun Ġużepp Bonello u Dun Gustav Barbara fost l-oħrajn, u dawn iddedikaw ħajjithom għall-pastorali f'Bormla.

F'dan il-perjodu, missieru kien qed jaħdem bħala "messman" kemm fuq il-heavy cruiser HMS Sussex u l-battle cruiser HMS Hood. Dun Victor spjegali li mit-tagħrif li għandu mingħand missieru, *"ix-xogħol ta' "messman" fin-Navy Ingliża kien jikkonsisti ta' Purchasing Officer meta l-vapur jidħol fil-port u jikkordina x-xogħol li jsir fil-kċina u fid-Dining Room tal-Uffiċjali"*. HMS Sussex kienet isservi fil-Mediterran iżda bħala baħri fuqha, missieru kien anki mar l-Awstralja fl-1934. Dun Victor jiftakar b'nostalġija dawn iż-żminijiet tat-tfulija tiegħu, speċjalment meta l-vapur li kien jaħdem fuqu missieru kien jidħol fil-Port il-Kbir. Mhux l-ewwel darba li missieru ħadu miegħu u tellgħu abbord.

15 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Baptizato Liber 1931-1936,* Vol. XXV, Att 12 ta' Frar 1934, f. 147.

It-Tieni Gwerra ġabet kambjamenti kbar fil-Kottonera kollha. Is-sitwazzjoni xejn ma kienet *safe*. Dak li baqa' mmarkat f'moħħ Dun Victor u ħutu kienu l-bombi neżlin. Ħuh iż-żgħir Joe jiddeskrivi s-sitwazzjoni kif ġej:

> *"Lanqas xelters ma kien hawn u biex nistkennu mill-attakki konna nintefgħu taħt it-taraġ. Konna nagħmlu mejda b'saqqu fuqha u waqt l-attakki noqogħdu taħtha, jien, ħija Victor, oħti u ommi, għax missieri kien ikun barra minn Malta. Niftakar lil ħija jgħid lil ommi 'Ma, tridx ngħidu r-Rużarju għall-bżonnijiet tad-daddy?'"*

Ħafna familji kellhom joħorġu minn Bormla. Dik ta' Giuseppi Grech u Caterina Gafà kienet waħda minnhom. Fl-1939, il-familja ddeċidiet li tħalli Bormla u niżlet Raħal Ġdid fejn damet refuġjata għal madwar sena. Iżda s-sitwazzjoni ta' Raħal Ġdid, hekk kif il-gwerra bdiet tiħrax, ma baqgħetx waħda feliċi. Il-preżenza tat-Tarzna u l-ajruport ta' Ħal Luqa wasslu biex Raħal Ġdid ġie taħt in-nar. Ikun f'dan il-mument li numru ta' familji f'Raħal Ġdid, inkluż il-familja Grech, jiddeċiedu li jmorru refuġjati fiż-Żejtun jew f'postijiet oħra. Il-familja t'ommi li kienet toqgħod Raħal Ġdid, bħal dik ta' Grech, marret refuġjata ż-Żejtun.

Għall-ewwel, il-familja Grech sabet kenn għand oħt ommu, sakemm akkwistaw dar kbira. Dun Victor Grech jiddeskrivi din id-dar bħala sabiħa ħafna. Kienet tinsab qrib il-kappella tal-Ispirtu s-Santu, fit-triq li ġġib l-istess isem, numru 15. F'dan iż-żmien tal-gwerra, dar kbira ma stajtx iżżommha kollha għalik. Dun Victor jispjega li kienu ħadulhom fuq u b'sens ta' solidarjetà nazzjonali daħlet familja li nzertat ukoll minn Bormla. Din il-familja kienet magħrufa bħala *Tal-Mazza* għaliex f'din il-familja kien hemm tradizzjoni ta' rġiel li kienu jġorru l-mazza tal-Kapitlu.[16]

Fiż-Żejtun Dun Victor għamel ħbieb ġodda fosthom mat-tabib Sandy Cachia Zammit u ħutu. Il-familja ta' Dun Victor u dik ta' Cachia Zammit kienu jinżlu flimkien fix-xelter u joqogħdu fl-istess kamra. Din il-kamra taħt l-art kienet maqsuma bi xkafef biex iservu ta' sodod. Dun Victor jiftakar lil Sandy Cachia Zammit jorqod fuq u huwa eżattament taħtu.

Iżda t-traġedja tal-gwerra se jduquha direttament, anki jekk, fil-każ tal-familja Grech l-affarijiet ma marrux għalkollox ħażin. Nhar is-Sibt, 2 ta' Mejju 1942, seħħ attakk qawwi mill-ajru fuq iż-Żejtun u ntefgħu bombi antipersonali tat-tip *butterfly.* Dawn kienu bombi tal-ħin u jisplodu wara

---

16 L-aħħar mazzier minn dil-familja kien Gustavu Cilia (li niftakru personalment).

li jkunu waqgħu. Kienu mietu 21 persuna u ndarbu 30 oħra.[17] Omm u ħu Dun Victor kienu fost il-midruba u ttieħdu l-Istitut Bugeja, Fleur-de-Lys, li kien qed iservi ta' sptar ċivili f'dik il-ħabta. Din il-ġrajja baqgħet immarkata f'moħħ Victor u ħutu. Joe jirrakkontaha kif ġej:

> *"Ta' tifel li kont, kont qed nilgħab barra. F'daqqa waħda bomba tisplodi qrib id-dar tagħna. Il-blast tal-bomba tajjarna, lili u lil ommi. Oħti tgħid li l-blast tal-bomba daħħalna għand in-nies. Ħija Victor ħass ir-responsabbiltà li jiġi jfittixna. Beda jtajjar id-duħħan minn quddiemu u jfittex, sakemm l-ewwel sab lil ommi u aktar tard sab lili wkoll. Meta sabu 'l ommi għand in-nies, poġġewha fuq karettun u ħaduha l-isptar. Jien kważi mejjet, ġabarni suldat u ħadni l-isptar. Kif niftaħ għajnejja l-isptar, nara lil ħija maġenbi u smajtu jistaqsi lit-tabib kif jien u t-tabib wieġbu li għadu kmieni wisq biex jgħidli. Ma kienx jaf jekk jien u ommi aħniex se ngħixu. Minkejja li kien għadu pjuttost żgħir, ta' 13-il sena, niftakar li kien jiġi jżurna l-isptar kuljum. Ma kienx faċli anki għax il-karozzi tal-linja ma kinux jaħdmu kuljum bil-biża' tal-gwerra. Kien imur jara lil ommi u mbagħad lili. Memorji bħal dawn ma tinsiehom qatt."*

Iżda ma' dan l-inkwiet tal-gwerra, il-familja kellha inkwiet ieħor. Matul is-snin tal-gwerra numru ta' Maltin li kienu fis-servizz inqabdu fuq xogħol f'Lixandra fl-Eġittu u minħabba l-istess gwerra ma setgħux jiġu lura. Informazzjoni dwarhom ftit li xejn kellhom il-familja tagħhom f'Malta u meta kienet tasal xi aħbar, normalment permezz ta' xi telegramma, kienet tħabbar il-mewt ta' xi wieħed minnhom. Missier Dun Victor kien wieħed minn dawk li nqabad Lixandra iżda kien ixxurtjat li baqa' ħaj. Fi kliem Dun Victor stess, din kienet "*l-ikbar trawma li għaddejna minnha matul il-gwerra. Missieri stess kien jirrakkontali dwar il-biża' reali li l-Ġeneral Ġermaniż Rommel, kien se jieħu Lixandra*".

Fiż-Żejtun, Dun Victor baqa' jieħu formazzjoni nisranija soda. Hu kompla jiffrekwenta t-tagħlim għand is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa bħala l-Mużew. Kien attiv ħafna u sar anki kandidat fil-Mużew. Kien ġie magħżul biex isir soċju. Izda f'dawk ix-xahrejn, jispjega Dun Victor, li fihom kien se jsir soċju, daħal is-seminarju. Dak iż-żmien is-seminaristi kienu jilbsu s-suttana mill-ewwel u allura r-Rettur ma ridux immur biex isir soċju.

---

17 http://wirtizzejtun2.wordpress.com/l-istorja-taghna-zmien-l-inglizi/ (Aċċessat il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2014).

Matul iż-żmien li qatta' fis-seminarju kien protagonista ta' numru ta' missjonijiet bi skop soċjali u vokazzjonali. Hu kien ġie magħżul bħala l-prefett tas-seminarju maġġuri. Bħala seminarista kien jorganizza laqgħat tal-vokazzjoni u anki kien imur jagħmel laqgħat għaż-żgħażagħ. Fost il-postijiet li nsibuh imur jagħmel laqgħat għaż-żgħażagħ kien hemm il-*Youth Centre* ta' Raħal Ġdid. Fis-snin ħamsin, Raħal Ġdid kien wieħed mill-postijiet f'Malta li kellu ġenerazzjoni żagħżugħa.

Il-qassisin li tkellmu miegħi dwar dan il-perjodu, kollha kellhom kliem ta' tifħir għall-prefett Victor li kien attent ħafna għall-problemi tas-seminaristi, inkluż dawk ta' natura finanzjarja li kien ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom matul l-istudji tagħhom fis-seminarju. Fuq kollox, f'din il-kariga ta' prefett, is-seminarista Victor ħadem biex sħabu s-seminaristi jkunu jistgħu jibdew imorru l-missjoni.

Dun Victor Grech ħa l-quddiesa bħala presbiteru miż-Żejtun, il-post li fih qatta' ż-żgħożija tiegħu, nhar is-17 ta' Marzu 1956.[18] Miegħu qaddsu tliet qassisin oħra miż-Żejtun: Dun Joseph Scerri, Dun Anġ Seychell u Dun Joe Abela. Magħhom kien hemm Patri Ġużi Mifsud, li l-familja tiegħu kienet ġiet refuġjata ż-Żejtun mill-Birgu.[19] F'din l-għażla ġa tidher f'Dun Victor Grech viżjoni oħra lil hinn mill-parrokkjaliżmu klerikali Malti. L-ewwel quddiesa għamilha ż-Żejtun u mhux Bormla, anki jekk it-tradizzjonijiet Bormliżi ma abbandunahomx għalkollox u darba għamel ukoll il-paniġierku tal-festa u sal-lum għadu jitkellem b'ċerta nostalġija lejn l-oriġini ġeografika tiegħu. Iżda moħħu kien 'il bogħod mit-tradizzjonijiet prekonċiljari li bihom kienet għadha marbuta l-Knisja ta' żmienu. Joe iħares lura lejn l-ewwel quddiesa ta' Dun Victor b'nostalġija u jirrakkontaha hekk:

> *"Kont hemm għall-ewwel quddiesa tiegħu u ma flaħtx inkompliha. Għax dak il-ħin bdejt niftakar f'dak kollu li konna għaddejna minnu, fit-trobbija iebsa li kellna, mhux min-naħa tal-ġenituri, imma minħabba t-terrur tal-gwerra. Lil min ma jiftakarhomx dawn il-ġrajjiet lanqas biss irridu jkun jafhom, aħseb u ara jgħixhom. Ommi u missieri qatt ma niftakar li ħassew daqshekk ferħ f'ħajjithom kollha. Kienu f'estasi dakinhar. Il-fatt li se jitqarbnu minn idejn binhom għall-ewwel darba kienet xi ħaġa kbira wisq għalihom. Waqt l-ikla wara l-Quddiesa ġiet tħabbat waħda mara ippanikkjata u qalet lil Victor 'Fr, ejja iġri d-dar għax missieri qed imut'.*

18 Joe Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000*, Malta, 2001, p. 60.
19 Ibid.

*Ħalla kollox u mar jassistih. Kienet l-ewwel esperjenza tiegħu jassisti xi ħadd fil-bżonn bħala saċerdot. Beda mill-ewwel mumenti tas-saċerdozju tiegħu, u sal-lum ma waqafx jgħin lil kull min hu b'xi mod fil-bżonn."*

Is-seminarista li kien ġie l-ewwel fil-kors ta' Dun Victor li spiċċa fl-1955, u rebaħ l-*ischolarship* tat-teoloġija kien Żejtuni ieħor, Dun Joe Abela. Dan fisser li Dun Joe Abela seta' jmur jistudja Ruma. Abela kien għażel li jistudja l-Istorja tal-Knisja. Min-naħa l-oħra, Dun Victor kien rebaħ *scholarship* mill-Università ta' Malta biex jispeċjalizza fl-Ekonomija fl-Università ta' Oxford, iżda ġie mitlub jirrinunzja għal dan l-*ischolarship* mill-Arċisqof Mikiel Gonzi minħabba li riedu viċi-rettur is-Seminarju. Giudo de Marco, li kien fl-istess żmien student miegħu fl-Università,[20] kien għamel kawża lill-Università ta' Malta biex ituh l-*ischolarship* li Dun Victor kien irrinunzja għalih.

Dan fisser li hu ma kienx se jkun qassis marbut ma' ħidma pastorali f'xi parroċċa, iżda kien se jkun qed joqgħod fis-seminarju l-Furjana ħalli jkun qrib is-seminaristi. B'hekk ommu ħadet id-deċiżjoni li tmur toqgħod bil-familja b'kollox il-Furjana. U b'hekk Dun Victor se jkompli jiddedika ħajtu għas-Seminaristi.

## Bormla tas-Snin Tletin

Il-ħidma ta' Dun Victor tinftiehem aħjar meta wieħed janalizza l-ambjent li fih trabba, jiġifieri r-realtajiet ġeografiċi u soċjali ta' Bormla u l-bqija tal-Kottonera u dawk taż-Żejtun. Ninsab żgur li r-risposti għal ċerti pożizzjonijiet soċjali li Dun Victor Grech ħa matul ħajtu għandhom l-għeruq fit-tfulija u ż-żgħożija u l-familja li fiha trabba. Din Bormla tas-snin tletin se jeħodha miegħu u tkun ir-raġuni, b'mod konxju jew inkonxju, tal-pożizzjoni li jieħu matul ħajtu favur il-batut u l-fqir.

Id-demografi ma jemmnux li kull area ġeografika jew klassi soċjali tgħaddi mill-istess proċessi ta' tibdil fl-istess ħin jew għall-istess raġunijiet. Matul is-seklu dsatax, iz-zoni tal-port jibdew iduqu mill-morr tal-kundizzjonijiet ġodda marbuta mar-rivoluzzjoni industrijali. Jekk kien hemm lokalità f'Malta li ntlaqtet l-agħar minn din l-esperjenza ġdida, din kienet il-belt ta' Bormla.

20 Guido de Marco, *Il-Politika tal-Persważjoni, awtobijografija*, maqlub mill-Ingliż minn Charles Abela Mizzi, Allied Publications, Valletta, Malta, 2009, p. 327.

Din ir-rivoluzzjoni industrijali bdiet fl-Ingilterra matul is-seklu tmintax u bdiet dieħla bil-mod f'Malta matul is-seklu dsatax. Ftit jirrealizzaw li l-belt ta' Bormla saret iċ-ċentru ta' din l-industrijalizzazzjoni, għaliex l-unika industrija, verament li tista' tissejjaħ *heavy industry* li qatt kellna f'Malta, twieldet u kibret fid-dell ta' din il-belt. Bdiet mit-twaqqif tal-baċir numru 1, li nbeda fl-1841 u tlesta fl-1848, eżattament fil-qalba ta' Bormla. Minn hawn, din l-industrija ġdida tikber f'Tarzna tal-Ammiraljat kif kienet magħrufa mal-Bormliżi u tinfirex għan-naħa l-oħra ta' din il-belt, jiġifieri x-xaqliba ta' Għajn Dwieli sa taħt l-Isla, jew kif kien magħruf aħjar bħala x-Xatt tal-Franċiżi.

Meta bdew jinbnew l-ewwel baċiri fit-territorju ta' Bormla, jiġifieri l-famuż *Dock One*, qassisin tal-Kolleġġjata raw ir-riskji serji marbuta ma' dan il-bini. Fuq quddiem kien hemm Dun Ludovik Mifsud Tommasi li saħansitra beda jikteb fil-gazzetti lokali kontra tiegħu. Il-kanonċi passati tal-Kolleġġjata ta' Bormla, bħalma kien Dun Ġużepp Bonello, kienu jitkellmu dwar l-oppożizzjoni ta' Mifsud Tommasi għall-bini ta' dan il-baċir u fl-arkivju tal-Kolleġġjata ta' Bormla kienu jżommu b'għożża l-*cuttings* ta' dawn l-artikli. Dun Ludoviku Mifsud Tommasi ma kienx waħdu f'dan is-sentiment. Dan is-sentiment kien ilu jinġema' fl-inħawi, iżda n-nies ma kellhiex il-mezzi u lanqas il-leħen biex tfisser il-ħsibijiet tagħha.

Il-fatt li Malta kienet issa parti minn imperu kbir ġab miegħu tibdil soċjali u wisq aktar ambjentali. Dan it-tibdil beda jsir bil-għaġla u mhux kulħadd rah pjaċevoli għas-soċjetà ta' dawk iż-żminijiet. Il-qassis Senglean Fortunato Panzavecchia kien qed jaqsam dawn il-ħsibijiet ta' Mifsud Tommasi, meta akkumpanjat mill-kitarra (għaliex barra li kien qassis u studjuż, Panzavecchia kien għannej) jagħmel riferenza għal din l-istanza fl-1823 b'rabta mal-pesta tal-1813:

Tal-Belt l-irvinati
tal-Birgu l-impestati
ta' Bormla l-attakkati
u tal-Isla l-irvellati.[21]

Iżda oħrajn raw f'din l-industrijalizzazzjoni progress ekonomiku u soċjali. It-tarzna ġabet progress ekonomiku u qiegħdet lil Malta mad-dinja

21 David Agius Muscat, *Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797-1850) Il-Lingwista u l-Edukatur*, MA Malti, Ottubru 2005, p. 41

industrijali. Bir-raġun, din l-industrijalizzazzjoni kellha konsegwenzi fuq id-dinja tax-xogħol. Ħafna rawha bħala investiment, tkabbir tal-ekonomija lokali, qligħ ta' flus u mezz ta' għajxien għall-familji numerużi tagħna. Hekk kienet għadha tidher Bormla meta l-familja Grech kienet tgħix fiha. F'termini ta' popolazzjoni, matul is-snin tletin Bormla tilħaq l-ogħla livelli. Skont iċ-ċensiment tal-1931, Bormla kellha popolazzjoni ta' 12,163 li kien ifisser żieda ta' 627 fuq iċ-ċensiment li kien sar għaxar snin qabel.[22] Dan kien ifisser li fis-snin tletin tas-seklu għoxrin, 5% tal-popolazzjoni ta' Malta kienet toqgħod f'din il-lokalità. Hija kienet it-tieni post l-aktar ippopolat f'Malta wara l-Belt Valletta. F'termini ta' densità, f'Bormla kien hemm 0.013-il persuna għal kull metru kwadru.[23]

William J. Goode jgħid li l-industrijalizzazzjoni hija l-kawża tal-kambjamenti u t-tibdil li seħħew fl-istrutturi tal-familja, minn waħda tradizzjonali għal dik li għandna llum. L-ewwel, permezz tal-industrijalizzazzjoni, il-familja konjugali saret waħda aktar indipendenti. It-tieni, il-ġenituri bdew jeżerċitaw inqas awtorità fuq uliedhom. It-tielet, strutturi bħal dawk marbuta mad-dota bdew jisparixxu u jitilfu l-importanza tagħhom. Ir-raba', ir-raġel beda jeżerċita inqas awtorità fil-familja, b'mod partikolari lejn martu. Il-ħames, il-wirt sar aktar wieħed ugwali bejn l-aħwa.[24] Fuq dawn il-kambjamenti, speċjalment l-ewwel erbgħa, lil Dun Victor Grech insibuh jitkellem ħafna dwarhom fil-komunikazzjoni soċjali tiegħu mal-massa, l-ewwel permezz tal-programm fuq ir-Redifussion (Radju bil-Kejbil), *Fejn Tmur il-Qalb* u wara anki fi programmi fuq ir-radju.

Iżda qabel ma nittrattaw dawn l-elementi proposti minn Goode u kif jidhru fil-ħajja urbana ta' Malta, ejja naraw l-ewwel x'kienu s-soluzzjonijiet offerti għal din id-dinja industrijali ġdida. Panzavecchia kien wieħed minn tal-ewwel li offra soluzzjonijiet tiegħu. Forsi llum ma jidhrux rivoluzzjonarji, iżda kienu importanti għal żmienhom. Il-qassis Panzavecchia ra fl-edukazzjoni ċ-ċavetta tas-suċċess u l-fidwa tal-massa. Kien l-ewwel wieħed li beda jaħdem fuq programm ta' ftuħ ta' skejjel u f'dan ir-rigward, Bormla kellha rwol importanti x'tilgħab. L-*Istatus Animarum* tal-parroċċa tas-sena 1841 ġa jagħtina l-preżenza ta' skola

22 *Census of the Maltese Islands taken on Sunday, 26th April 1931 under Ordinance XI of 1930,* Government Printing Office 1932, Malta, p. 6, Tabella VII.

23 Bormla għandha *surface area* ta' 0.9 kilometru kwadru. Għalhekk popolazzjoni ta' 12,163 tagħmel densità ta' 13,514 għal kull kilometru kwadru.

24 William J. Goode, *World Revolution and Family Patterns*, New York: Free Press, 1963.

primarja tal-Gvern f'din il-lokalità. Din kienet tinsab fi *Strada San Giuseppe* (illum Triq San Ġużepp) f'numru 5, 6, 7, u 8.[25]

Din l-istess tarzna kellha tkun il-kawża ta' problemi ġodda għall-assett urban ta' Bormla, problemi li llum huma evidenti u jista' jarahom u jmisshom kulħadd. Il-kundizzjonijiet industrjali li kienu għaddejjin minnhom l-inħawi tal-port ta' Malta se jikkondizzjonaw it-tfulija ta' bosta. Il-pjan urban ta' Bormla ma sarx biex iservi l-bżonnijiet ta' bliet industrijali, iżda dak ta' belt marittima marbuta mal-kummerċ u tbaħħir bil-qlugħ.

Il-letteratura Maltija kienet waħda minn tal-ewwel li ħasset dawn it-tibdiliet. Kif turi l-letteratura Romantika, l-ispazji f'Malta kienu għadhom jidhru infiniti sa qabel it-Tieni Gwerra.[26] Bl-industrijalizzazzjoni tal-gżira, l-ispazji bdew litteralment isiru aktar ristretti u dak li qabel kien jidher infinit issa beda jidher bħala wieħed finit. L-ibliet bdew jidhru li huma żgħar. Spazji miftuħa fihom bdew jittieħdu ħalli joffru postijiet għal bini ta' djar ġodda. Din id-dinja ġdida ġabet realtà ġdida, u għall-ewwel darba daħal fil-lessiku Malti t-terminu ta' *unemployed.* Bdejna anki nitkellmu f'termini ta' klassi, waqt li l-kwalità tal-ħajja bdiet titqies bħala waħda li sejra lura.

Il-progress industrijali se jwassal ġa mis-snin għoxrin u tletin, biex Bormla titlef mill-faxxinu storiku tagħha. It-toroq dojoq ta' din il-lokalità bdew jidhru bħala *liability* għall-ġenerazzjoni l-ġdida li bdiet tiela', speċjalment dik tal-klassi medja. Dawk il-familji li setgħu u kienu għadhom żgħar, bdew ifittxu postijiet ġodda ta' abitazzjoni. In-nies tal-Kottonera kollha, iżda speċjalment residenti minn Bormla, bdew jagħżlu li jmorru joqogħdu f'Raħal Ġdid jew f'Tas-Sliema. It-toroq wesgħin u forma ta' gradilja ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet bdew jidhru kbar u komdi biex toqgħod fihom. Oħt missier Dun Victor iżżewġet Żejtuni, iżda marret toqgħod Bormla. Fi żmien il-Gwerra niżlu joqogħdu Raħal Ġdid.[27] Anki jekk it-trasport kien għadu abażi tal-karrettuni, kienu issa bdew deħlin il-karozzi, u tgħix fi triq wiesgħa kien jidher ħafna aħjar milli tgħix fi triq kollha taraġ.

Missieri, Carmel Mercieca, twieled u trabba Raħal Ġdid. Hu jiftakar nies tal-Kottonera fis-snin tletin jitkellmu dwar kemm huma komdi t-toroq bi djar kbar li kien hemm f'Paola. Dan fisser li dawk li bdew ħerġin

25 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Status Animarum 1841*, p. 81.

26 Oliver Friggieri, *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija, Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali*, PEG, Malta, 1995, p. 95.

27 Dawn kienu n-nanniet materni tal-eks Deputat Laburista Karl Chircop. Omm Dr Karl Chircop tiġi prima kuġina ma' Dun Victor Grech.

mill-Kottonera fis-snin ta' qabel il-gwerra, id-djar tagħhom bdew jimtlew min-nies li ħafna drabi kellhom livell inqas ta' għajxien iżda għaliex kellhom dħul baxx, kienu lesti li jmorru joqogħdu fi djar li r-residenti tagħhom ma ridux joqogħdu aktar fihom għaliex f'għajnejhom kienu qodma, kellhom umdità, bit-travi tal-injam u kellhom l-iskumdità tat-taraġ. Ma ridt xejn, kif qaltli persuna anzjana li għexet dawn ir-realtajiet tas-snin tletin, li waqt li tkun rieqed, jibda ħiereġ il-wirdien minn ġot-travi u jaqa' fuq is-sodda. L-unika protezzjoni kienet il-liżar. Dan kien jikkontrasta bil-kbir mad-djar li issa kienu qed jinbnew f'Raħal Ġdid u f'Tas-Sliema matul is-snin tletin bi travi tal-ħadid, b'xi bitħa u roqgħa ħamrija.

Fuq kollox, dawn ir-realtajiet ġodda se jġibu r-reazzjonijiet tagħhom. Forsi l-aktar wieħed li pinġiehom b'mod ħaj kien Ġużè Chetcuti; qarib ta' Dun Victor. Hu bbaża n-novelli tiegħu, magħrufa bħala n-neo-realiżmu Malti, f'dan l-ambjent li twieled u kiber fih, jiġifieri l-belt ta' Bormla. Fuq livell politiku, dan l-ambjent ta' faqar ikkondizzjona l-ħsieb politiku ta' Dom Mintoff. Dan l-ambjent ġdid jew il-memorja tiegħu, jiġifieri l-mod ta' kif kien jiġi rrakkuntat, se jwasslu biex joħloq il-bżonn ta' impenn soċjali. Bħal Chetcuti, Dun Victor Grech jieħu dan l-impenn soċjali bis-serjetà, u miegħu numru ta' qassisin u patrijiet li semmejna fuq, iżda minflok jaħdmu b'mod letterarju, se jagħmlu xogħol aktar dirett. Dawn se jimpenjaw ruħhom soċjalment waqt li joffru terapija spiritwali. Fuq kollox, il-memorja tal-faqar u l-mod ta' kif dan jiġi rrakkuntat għandu effett fuq il-ħsieb politiku u soċjali tal-ġenerazzjonijiet ta' wara, speċjalment fuq dawk li ma jkunux daquh, iżda semgħuh jiġi rrakkuntat minn ommijiethom u min-nies inġenerali.

Xi drabi, kif turi s-soċjologa Vered Vinitzky Seroussi, l-effett jista' jkun ikbar fuq din il-ġenerazzjoni minn dawk stess li għexuh jew rawh, għaliex ħafna drabi, dawk li jkunu għexuh jew trabbew fih jibda jidher għalihom bħala xi ħaġa normali u għalhekk jidħol fihom element ta' passività waqt li għal dawk li jkunu semgħu dwaru – speċjalment jekk il-familja tkun ħarġet 'il barra minn dak l-istess ambjent – huma l-individwi f'riskju (u l-kelma riskju qed tintuża b'mod pożittiv) li jieħdu azzjoni dwar dan l-istat ta' faqar.

## Tiftix għall-Metodoloġija ġdida ta' Analiżi

Il-ħsieb soċjali konservattiv illum hu attakkat ħafna minn dawk li jħaddnu l-ħsieb Marxista. Illum f'Malta qed naraw elementi marbuta mat-teoriji tal-inġinerija soċjali jirrenjaw fiż-żewġ partiti l-kbar, iżda minflok qed insejħulhom Marxisti, qed jingħataw titlu liberali. Qed ikunu mpenġija bħala pożizzjonijiet ta' rispett lejn l-orjentazzjonijiet sesswali ta' kulħadd. Quddiem dawn il-kambjamenti kollha, persuni li ħadmu fil-qasam soċjali qed jagħrfu l-valur tat-tradizzjoni. Persuna ta' esperjenza kbira, li wriet bil-provi li l-kritika Marxista ma għandhiex bażi xjentifika, huma Harry Burns. Dan Burns kien Chief Medical Officer fi Glasgow. Bħall-filosfu Karl Popper, Burns jaħseb li t-teoriji Marxisti ma jaħdmux u l-attwazzjoni tagħhom, għax mhux xjentifiċi, mhux bilfors li se jagħtu r-riżultati mixtieqa. Burns jispjega li l-waqgħa soċjali u ekonomika fi Glasgow hija marbuta ma' dan li ġej:

> *"Where traditional communities lose their traditional cultural anchors, they all find the same things happening – increasing mortality from alcohol, drugs, violence. The answer is not conventional health promotion. Where you lose a sense of control over your life there's very little incentive to stop smoking or to stop drinking or whatever. The answer is to rediscover a sense of purpose and self-esteem."*[28]

Glasgow għandha ħafna inkomuni ma' Bormla u l-bqija tal-ibliet tal-port Malti. In-nies ta' dawn il-postijiet, speċjalment dawk ta' Bormla, għamlu l-għajxien tagħhom minn fuq it-tarzna u l-fabbriki li nfetħu fil-madwar. Bħalma Mifsud Tommasi għaraf li Bormla se tinbidel bl-industrijalizzazzjoni, Carol Craig uriet kif l-industrijalizzazzjoni biddlet il-belt ta' Glasgow. Glasgow għaddiet minn waħda mill-isbaħ bliet tar-Renju Unit, għal waħda mill-ikreh. Il-proċess bżonjuż ta' deindustrijalizzazzjoni li rajnieh iseħħ f'Malta mis-snin disgħin 'il quddiem ġab miegħu demoralizzazzjoni u ma għandniex dubju li affettwa u weġġa' l-*local pride* tal-Bormliżi. Fil-każ ta' Bormla u l-Kottonera, din kienet ġa mweġġa' mill-politika Mintoffjana li l-ħażin tagħha kien assoċjat ma' din il-lokalità. Dan kollu kellu effett negattiv fuq l-identità kulturali tal-post, li bħal Glasgow, hija belt mimlija bl-istorja u bit-tradizzjoni.

28 http://www.bbc.com/news/magazine-27309446.

Għalhekk, Craig tgħid li biex tifhem għalfejn Glasgow tal-lum jinsab fejn jinsab, wieħed ma jridx imur lejn it-tmiem tal-preżenza tat-tarznari u l-fabbriki fl-inħawi, iżda lejn il-bidu tagħhom. Dan hu dak li tagħmel fil-ktieb tagħha *The Tears That Made the Clyde*. Craig tispjega li fis-seklu 18, Glasgow kienet deskritta mill-awtur Daniel Defoe bħala "*the cleanest and beautifullest and best built city in Britain.*" Bir-rivoluzzjoni industrijali, issir waħda mill-aktar bliet popolati tar-Renju Unit u wkoll waħda mill-ikreh bliet.

Paralleli simili jistgħu jsiru fil-konfront ta' Bormla ta' żmien Victor Grech. Meta Victor Grech twieled fl-1929, Bormla kienet fl-aħħar fażi tat-tkabbir tal-popolazzjoni. Kif rajna, din id-densità demografika ġġenerat tibdil soċjali u ġabet innovazzjonijiet ġodda. It-Tieni Gwerra Dinjija se twaqqaf dan it-tkabbir, iżda se turi wkoll li l-ħajja ma kinetx għal kollox ward u żahar. Għall-inqas, il-gwerra kellha effett pożittiv wieħed: irnexxielha tnaqqas il-popolazzjoni ta' din il-lokalità u l-lokalitajiet kollha ta' madwar il-port. Iżda minn wara l-gwerra 'l hawn, dawn il-lokalitajiet komplew jaraw tnaqqis kontinwu fil-popolazzjoni. Jekk il-gwerra solviet il-problema tas-soprapopulament, il-pjanijiet tar-rikostruzzjoni ma rnexxilhomx isolvu l-problemi soċjali kkawżati mill-proċess industrijali. Mhux talli ma solvewhomx talli għamlu s-sitwazzjoni urbana agħar milli kienet.

B'hekk ir-realtajiet li Craig rat għal Glasgow, bħalma kienu dawk ta' relazzjonijiet aggressivi bejn il-miżżewġin, issa wieħed se jibda jiltaqa' magħhom f'din il-lokalità u eventwalment ma' Malta kollha. U dawn is-sitwazzjonijiet soċjali huma dovuti in parti, għall-fatt li l-post kien wieħed *overcrowded*. Ir-riżultat hu li meta jkollok ħafna nies jgħixu ġo xulxin, f'postijiet żgħar, l-irġiel ikunu sfurzati li joħorġu barra mid-dar u jmorru fil-ħwienet tax-xorb. Craig tħares lejn dawn is-sitwazzjonijiet u tiddeskrivi bħala '*a kind of survival mechanism*.' Pagi sħaħ kienu jinħlew fix-xorb u fil-logħob. Craig taħseb li l-iżvilupp mgħaġġel ta' industrijalizzazzjoni fi Glasgow ipproduċa dak li hija ssejjaħ bħala '*a toxic masculinity*' u din kissret il-ħajja tal-familja.

Naħseb li din it-tip ta' analiżi tgħodd sew għas-sitwazzjonijiet fit-Tliet Ibliet u għandha toffri sfond u għodda tajba biex wieħed jifhem aħjar ir-relazzjonijiet umani f'dawn il-postijiet u fuq kollox, il-mixja soċjali li se tieħu l-gżira ta' Malta, jiġifieri x'baqa' minn dak li kien jissejjaħ bħala l-kapital soċjali. Bejn is-snin għoxrin u tletin dawn il-ħwienet tax-xorb bdew ifaqqsu ma' kullimkien madwar il-port kollu. L-ispirti alkoħoliċi,

primarjament il-*whisky,* ir-*rum* u l-*gin*, kienu fost l-aktar li jinbiegħu (flimkien mal-birra) f'dawn il-ħwienet. Nannuwi, Emanuel Mercieca, kellu wieħed minn dawn il-ħwienet tax-xorb fil-pjazza ta' Raħal Ġdid. Missieri jiftakar tajjeb din ir-realtà tas-snin tletin fejn ix-xorb l-irqiq kien l-aktar imfittex minn dawk tan-*Navy* jew tas-Servizz. L-inbid kien għal dawk li ma kinux jifilħu jħallsu u dan kien ikun servut, mhux l-aktar f'dawn il-ħwienet tax-xorb, iżda f'dawk magħrufa bħal tal-inbid jew għand it-titotli, jiġiferi l-ħwienet tat-te. Xeni ta' rġiel fis-sakra fit-toroq kienu realtajiet ta' kuljum fl-inħawi kollha tal-port u baqgħu xena komuni anki fis-snin ta' wara l-gwerra.

Forsi Dun Victor Grech kien ftit ixxurtajt, aktar minn xi tfal oħra tamparu f'Bormla li kienu issa parti minn dik il-klassi, li l-kritika Marxista ttimbrat bħala proletarja jew sotto-proletarja. F'Malta, din il-klassi ta' nies bdiet tissejjaħ bħala l-klassi tal-ħaddiema. Il-fatt li missieru kien jaħdem fin-Navy kien ifisser fuq naħa, l-assenza tal-missier għal perjodi twal fuq il-baħar, u għalhekk it-tmexxija tal-familja kienet taqa' kollha fuq l-omm, u anki fuq Victor, li kien il-kbir, għaliex oħtu ta' qablu mietet tarbija. In-nuqqas tal-missier kien qed ikun imtaffi xi ftit. Ħu Dun Victor, Joe stess, jirrakkonta li "*konna nimmissjawh ħafna u meta jiġi lura nagħmlu festa sħiħa, xalata. Minħabba dan, jien kont inħares lejn ħija Victor qisu missieri. Kelli sudizzjoni kbira lejh, kien iħobbni u jikkoreġini, kont niftaħ qalbi miegħu bħallikieku kien missieri avolja kien għadu żgħir*".

Fuq kollox, Joe Grech jagħraf li missieru u ommu kienu persuni mmexxija "*minn valuri reliġjużi kbar, iħobbu t-tfal u l-familja*". Wieħed irid jiftakar li kien hemm familji fil-Kottonera fejn il-missirijiet kienu jaħdmu fuq il-baħar u dawn qatt ma kienu jibagħtu flus id-dar. Minflok, kienu jonfqu l-flus li jaqilgħu fix-xorb u man-nisa, hekk kif kienu jidħlu f'xi port. Il-familja Grech kellha dħul stabbli u pjuttost tajjeb ħdejn ħaddieħor li kien jaħdem mal-partikolar jew kif kien jissejjaħ f'dan il-perjodu, bl-imqita. Kienet ukoll familja li użat bil-għaqal dak li kienet taqla'.

Il-fatt li missieru sab xogħol fin-*Navy* kien ifisser li hu kellu pensjoni. Kif kien jiġri ma' dawk li kienu fis-servizz (espressjoni użata f'dik il-ħabta kemm għall-baħrin, is-suldati u l-pulizija) kienet twassal biex il-persuna tirtira kmieni mix-xogħol wara numru ta' snin ta' servizz. Peress li missier Dun Victor kien beda żgħir fis-servizz, irtira kmieni iżda ma qagħadx idejh fuq żaqqu. Missier Dun Victor kien sab xogħol fil-*Victualling Yard* fil-Birgu.

L-Istorja wriet li l-klassi t'isfel qatt ma kienet kapaċi tifdi lilha nnifisha iżda dejjem kellha bżonn tal-klassi tan-nofs biex tgħinha toħroġ mill-fosdqa li kienet fiha u tmexxiha 'l quddiem. Ir-raġuni iżda ma hix marbuta mal-ekonomija jew aħjar ma tinsabx fil-qawwa finanzjarja, iżda fl-istrutturi tradizzjonali tal-familja. Dan ifisser li din il-klassi setgħet tinfeda għaliex kienet temmen fil-valuri għolja tal-familja mħaddma fil-formazzjoni nukleari. It-tieni, il-familja kienet temmen u tikkultiva l-element ta' edukazzjoni, jiġifieri fejn il-ġenituri jaraw il-bżonn li wliedhom jitgħallmu u jmorru l-iskola. It-tielet hemm l-element fejn il-familji jibdew jiċkienu u jeżerċitaw il-kontroll tat-twelid. Il-kittieb Lawrence Stone, saħansitra, jasal biex jgħid li meta dawn il-valuri jinfirxu u jitħaddmu minn aktar minn 50% tal-popolazzjoni, ikun ifisser li se jkun hemm rivoluzzjoni soċjali jew politika u din se tkun suċċess. Din hija magħrufa bhala l-Liġi ta' Stone.

Dawn it-tliet elementi proposti minn Stone, jiġifieri edukazzjoni, strutturi ġodda ta' familja u waqgħa fil-fertilità, ġa nsibuhom jaħdmu fil-familja Grech. Il-fatt li ommu kellha toħroġ miż-Żejtun u ssiefer ma' missieru juri li bħala familja kienet qed tħaddem il-mudell nukleari. Min-naħa l-oħra, il-missier kellu qraba mifruxa mat-Tliet Ibliet u dan wassal biex anki huwa jfittex ambjent indipendenti u ma jibbażax il-familja fuq il-mudell tal-familja estiża, fejn il-miżżewġin imorru jgħixu mal-qraba tagħhom jew jiżżewġu f'xulxin. Anki meta l-familja Grech irritornat fiż-Żejtun minħabba l-gwerra, ma damitx ma fittxet dar apparti u fiha ġew ukoll refuġjati oħra.

It-tieni, ma hemmx dubju, li l-familja Grech kienet tgħożż l-edukazzjoni, u kif rajna, f'dan il-perjodu, l-ibliet kellhom vantaġġ fuq l-irħula. Qabel it-Tieni Gwerra, l-aqwa skejjel kienu fl-ibliet. Wieħed irid jiftakar ukoll li fl-1903 il-*Freres* (jiġifieri l-Brothers ta' De La Salle) kienu fetħu l-iskola f'Bormla.[29] Dun Victor gawda mill-preżenza ta' din l-iskola, li f'dik il-ħabta kienet tinsab fi *Strada Buongiorno* (Triq Matty Grima) u allura ftit 'il bogħod minn fejn kien joqgħod fi Strada Toro. Anki meta marru joqogħdu Raħal Ġdid u ż-Żejtun, hu baqa' jmur għand il-*Freres* għat-tagħlim tiegħu. Fuq kollox, omm Dun Victor gawdiet mir-riformi edukattivi u wara l-ftuħ tal-iskejjel, fl-ibliet, iż-Żejtun kien sar ċentru distrettwali għat-tagħlim fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Omm Dun Victor kienet taf taqra u tikteb. Hija ffirmat l-applikazzjoni tal-passaport biex issiefer u tmur Ġibiltà. Kienet issejjaħ lilha nnifisha Kitty u kellha nuċċali.[30] F'dan il-perjodu tas-

29 Victor Mallia-Milanes, *De La Salle College, A Study of Growth 1903-1938*, Vol. 1., Malta, 1979.

30 NAM, NFA 01, 2714/1926.

snin għoxrin, dik il-mara li kienet tadotta isem Ingliż kienet tkun qed turi konnotazzjoni ta' klassi medja, imsejħa tal-puliti, waqt li ftit kienu dawk in-nisa żgħar fl-età li jilbsu n-nuċċali – jew il-kaless kif kienu jgħidulu fin-naħa tal-port – għaliex kien kważi diżunur li mara tilbsu.

It-tielet, il-ġenituri żżewġu ftit kbar. Dan affettwa r-rata tat-twelid f'din il-familja, għaliex anki jekk ħaddmu l-mudell naturali tat-tnissil, xorta waħda, l-omm kellha issa perjodu iqsar ta' ħajja fertili. Id-demografi jqisu l-avvanz fl-età taż-żwieġ bħala l-ewwel mutur għall-kontroll tat-twelidijiet.

Dawn it-tliet elementi, kif kelli x-xorti nuri fi studju ieħor[31] jibdew iseħħu f'Malta qabel ir-rivoluzzjoni kulturali tas-snin sittin, perjodu marbut mal-*baby crack*. Ġa fl-epoka tal-hekk imsejjaħ *baby boom* kienet bdiet din it-tranżizzjoni u naraw familji medji Maltin, speċjalment dawk li kienu jgħixu fl-ibliet u fl-inħawi tagħhom, qed jipprattikaw il-kontroll tat-twelid għaliex b'mod volontarju jwaqqgħu n-numru ta' wlied fil-familji tagħhom, normalment għal xi tnejn jew tlieta. Dan l-għarfien kien marbut mal-edukazzjoni u minn tagħrif orali li ġbart, jidher li anki f'Malta, dan kien dovut l-ewwel għall-edukazzjoni tas-subien. Peress li l-edukazzjoni f'dan il-perjodu kienet aktar frekwentata mis-subien, dawn kienu jitgħallmu dwar is-sistema tar-riproduzzjoni umana u kienu jispiċċaw biex jispjegawha lin-nisa tagħhom. B'hekk bdiet tkun limitata r-riproduzzjoni sesswali. Din ma kinetx xi deċiżjoni marbuta wisq mal-mara, iżda pjuttost deċiżjoni li bdiet tittieħed fuq livell ta' familja.

Ikun fl-istrutturi tal-ibliet li jibdew jidhru dawn il-valuri ġodda. Ġa minn qabel il-gwerra bdew jidhru koppji li qed jesprimu valuri differenti minn dawk imħaddma mill-bqija tas-soċjetà, speċjalment fejn jidħlu l-kostumi sesswali. Dawn il-valuri bdew iwasslu biex l-individwi bdew jiffurmaw deċiżjoni differenti u għalhekk l-ideali passati, biex ikun hemm kompatibbiltà bejn il-valuri individwali u dawk soċjali, jibdew bil-mod ininu.

Jekk fuq naħa kien hemm min beda jinnamra mat-teoriji xellugin, oħrajn bħal Ġwann Mamo jinnamraw mat-teoriji tal-lemin estrem u jsiru simpatizzanti u ammiraturi ta' Adolf Hitler. Mamo kien wieħed minn dawk li ispira ruħu mit-teoriji magħrufa bħala *eugenics* u dan jispjega għalfejn fil-kitba tiegħu jinħass sentiment antisemitiku u kontra l-Għarab. Dawn it-teoriji ħarġu mill-Amerika tal-aħħar tas-seklu dsatax u ma damux ma nfirxu fl-Ewropa kollha u waslu anki fost l-*elite* intellettwali ta' pajjiżna. L-istess teoriji se jispiraw lin-Nazi u teorija tar-razza Arjana tagħhom. Dawn

31 Simon Mercieca, *L-Isfidi Demografiċi tal-Bieraħ, tal-Lum u ta' Għada: Ħarsa Storika minn Żmien il-Gvern ta' Ġorġ Borg Olivier sal-Lum*, PIN, Malta, 2012.

it-teoriji qed narawhom illum jiddominaw f'diskorsi li nisimgħu minn xi wħud lejn l-immigranti suwed li hawn fostna.

F'dawn it-teoriji naraw jiżviluppaw għall-ewwel darba elementi ġodda bħalma huma dawk relatati mad-drittijiet tar-riproduzzjoni, illum jissejħu *reproductive rights*, li b'din il-kelma nifhmu dak li kienu qed jifhmu biha l-*eugenics*.

Fuq naħa dawn it-teoriji wasslu biex id-demografi u s-soċjoloġi jagħmlu *reassessment* tal-popolazzjoni. F'dan il-kuntest nibdew anki naraw jidħol bil-mod il-mod ir-rwol ġdid tal-mara fis-soċjetà Maltija. Dan se jwassal biex jirridefinixxi r-rwol tar-raġel u se jkollu effett fuq l-imġiba inġenerali tas-soċjetà Maltija. Immexxija mill-moviment illumistiku, l-Ewropa bdiet tesperjenza t-tibdil fir-rwol tar-raġel u tal-mara fis-soċjetà. Dan it-tibdil beda jinħass f'Malta fl-istess żmien li kien qiegħed jiżviluppa f'Pariġi matul is-snin tar-Rivoluzzjoni Franċiża u familji medji bdew jitkellmu dwaru fiz-zoni ta' madwar il-port fil-bidu tas-seklu dsatax jekk mhux ukoll qabel. B'mod satiriku, Dun Fortunato Panzavecchia juri li nanntu, li kienet tgħix fi żmien meta l-Ordni tal-Kavallieri kienu għadhom f'Malta, kienet taf b'dan it-tibdil meta għanna:

Sewwa kienet tgħid in-nanna
li jitbiddlu ż-żmeniet
Trak lir-raġêl issewwu wiċċhom
U n-nisa jilbsu l-qalziet.[32]

*seuua chienet tghit innanna*
*li itbiddlu izzmeniet*
*Jruch lir-rgiel isseuui uicchom*
*un-nisa ilpsu il kalziet*

Issa fis-snin tletin tas-seklu għoxrin, dan it-tibdil beda jsir b'mod aktar evidenti. Fil-Belt kien hemm issa rġiel li qed jilbsu ta' nisa (transvestiti), waqt li l-Gvernatur Charles Bonham-Carter juri li fil-laqgħat li kien ikollu mal-Arċisqof Mauro Caruana, waħda mill-preokkupazzjonijiet il-kbar ta' dan l-isqof kienet dik dwar il-*mixed bathing*[33] u li n-nisa issa kienu qed jgħumu (fil-maġġoranza Ingliżi jew barranin) b'malji *two-pieces*.[34]

32 A.C.M. Pan. 72. David Agius Muscat, p. 268. (f. 208r).
33 *The Bonham-Carter Diaries 1936-1940*, Editjati u b'introduzzjoni ta' John Manduca, PEG, Malta, 2004, p. 337.
34 Ibid. pp. 68 u 85.

## It-Tranżizzjoni Demografika

Dawn il-kambjamenti soċjali se jintrabtu mal-kambjamenti demografiċi, speċjalment dawk marbuta mal-mortalità u l-fertilità. It-tibdil fir-rati ta' dawn tal-aħħar se jwassal biex bil-mod il-mod, Malta tgħaddi minn dik li tissejjaħ it-tranżizzjoni demografika. F'reġim demografiku tradizzjonali, jew kif inhu magħruf bħala l-mudell naturali tal-fertilità, ir-raġel u l-mara ftit li xejn ikollhom kontroll fuq ir-riproduzzjoni sesswali u wieħed ikollu jgħid li lanqas ikollhom interess li jeżerċitaw xi forom ta' kontroll. L-interess jibda meta t-trabi bdew jgħixu aktar, jiġifieri meta taqa' l-mortalità tat-trabi u t-tfal. Ikun f'dan il-mument li l-imġiba sesswali fil-familja tibda tinbidel. Naħseb li l-għeruq għal din it-tranżizzjoni demografika f'Malta beda ħafna qabel ma wieħed normalment jaħseb, jiġifieri fis-snin sittin.

Dan ifisser li r-reġim demografiku għadda minn sitwazzjoni ta' twelidijiet u mwiet għoljin għal waħda fejn ir-rati tal-imwiet u tat-twelidijiet isiru baxxi. Dan il-kunċett kien ġie spjegat għall-ewwel darba mid-demografiku Amerikan Warren Thompson (1887-1973). Thompson għaqqad din it-tranżizzjoni mal-iżvilupp ekonomiku. Dan hu kunċett li għadu dominanti fil-ħsieb soċjali sal-lum.

Studji demografiċi jikkonfermaw li biex ikun hemm tnaqqis fir-rata tat-twelid, jew f'dik li tissejjaħ ir-rata tal-fertilità (jiġifieri kemm mara jkollha tfal fil-perjodu riproduttiv tagħha) l-ewwel ma trid taqa' hija l-mortalità tat-trabi. Meta taqa' l-mortalità tat-trabi, taqa' magħha l-fertilità. Il-familji ma jibqgħux iħossu l-bżonn li jkollhom ħafna wlied. Il-waqgħa fil-mortalità tat-trabi sseħħ l-ewwel fl-ibliet, għas-sempliċi raġuni, li hawn ikollok numru ogħla ta' tobba. It-tieni kien fl-ibliet fejn iddaħħlu sistemi ġodda bħad-drenaġġ u l-ilma kurrenti. Dawn kienu miżuri żgħar ta' iġene iżda kellhom effett importanti ħafna u għenu biex taqa' l-mortalità tat-tfal u magħha, bil-mod, bdiet nieżla r-rata tal-fertilità f'pajjiżna. It-tielet huwa fl-ibliet fejn wieħed isib sistemi edukattivi li tista' torbot fuqhom.

Il-mortalità tat-trabi f'Malta fis-snin tletin ma kinetx differenti minn dik esperjenzata mal-Ewropa kollha sas-seklu tmintax, jiġifieri minn 40% sa 50% tat-trabi kienu jmutu qabel ma jagħlqu sena. Jekk imbagħad tieħu r-rata tal-imwiet fost it-trabi sakemm dawn jagħlqu ħames snin, din kienet tlaħħaq bejn il-150 u t-350%. Din ir-rata daqshekk għolja fl-inċidenza tal-mortalità tat-tfal turi r-riskju għoli li kien jeżisti marbut mal-għajxien tat-trabi. Il-familja Grech għaddiet minn dawn l-esperjenzi.

Minn ħamest itfal, il-kbira Josepha mietet wara erbgħin jum mit-twelid tagħha,[35] waqt li tarbija oħra twieldet u mietet.

Fuq livell ġenerali, l-istorja demografika turi li meta r-rata ta' mwiet fost it-trabi tkun għolja, ix-xewqa fil-familja biex ikollhom ħafna tfal hija waħda qawwija. Dan ifisser li l-kambjamenti demografiċi ma jseħħux b'mod erratiku jew għax qed ikun ikkundizzjonat minn xi ħadd minn fuq, iżda jibdew iseħħu meta r-rata tal-imwiet fost it-trabi tibda tonqos. Ikun f'dan il-kuntest li l-familji jibdew jaħsbu biex jagħmlu inqas tfal. B'hekk meta l-ġenituri jkunu żguri dwar iċ-ċans li t-tfal tagħhom jgħixu, huma jew it-tfal tagħhom jibdew din it-tranżizzjoni demografika.

It-tieni element tat-tranżizzjoni demografika ġej mill-fatt li ż-żgħażagħ jibdew jiżżewġu aktar tard. Kriżijiet bħalma huma l-gwerer iwasslu biex iż-żgħażagħ jiddawru meta jiżżewġu. Il-kunflitti u l-ġlied tal-gwerra jżommu milli wieħed jieħu l-istat tiegħu kmieni. Imbagħad, kif jispiċċa l-kunflitt ikun hemm żieda qawwija fiż-żwiġijiet u magħhom jiġi dak li kien jissejjaħ il-*baby boom*. Iżda kif l-istess familja Grech turi, ġa qabel il-gwerra kien beda moviment, żgħir kemm hu żgħir, fejn persuni, b'mod partikolari bniet, bdew jiżżewġu aktar tard f'ħajjithom u dan naqqas b'mod naturali l-ammont ta' tfal li koppja jista' jkollha.

## Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija

Forsi ftit hija l-memorja li għandu Dun Victor Grech ta' din Bormla li qed niddeskrivi tas-snin tletin, iżda din il-memorja tkompli tiddallam bit-trawma tal-gwerra. It-Tieni Gwerra Dinjija kienet trawma għal dawk kollha li għexuha, speċjalment għal dawn li bħal Dun Victor Grech kienu waslu fuq l-għatba taż-żgħożija. Issa jmiss li wieħed iħares lejn l-ambjent taż-Żejtun, fejn il-familja marret tgħix fi żmien il-gwerra. Din kienet il-lokalità tal-familja ta' ommu. Iżda l-familja Grech se żżomm ċerta distanza, fis-sens li fittxu dar għalihom separata minn dik tal-qraba.

Iż-Żejtun kien hemm element għoli ta' faqar u s-sitwazzjoni ma kinetx differenti wisq minn dik li kienet qed tiżviluppa f'Bormla. Il-familja ta' ommi marru fil-gwerra, bħala refuġjati fiż-Żejtun, iżda n-nannu matern tiegħi, Francesco Pace, ma setax jidra. Id-dar kienet mimlija dubbien.

35 Arkivju Parrokkjali Bormla, *Defunct Liber XIV,* 1918-1929, Att ta' Awwissu 1928, f. 414v.

Il-faqar kont tħossu b'idejk. Ipprefera jerġa' jinżel lura Raħal Ġdid bil-familja b'kollox u jgħix taħt il-bombi milli jibqa' jgħix f'dan l-ambjent xejn sabiħ li r-raħal taż-Żejtun kien joffri f'dik il-ħabta.

It-traġedja tal-gwerra ma tinstabx fil-bombi li niżlu fuq Malta jew fin-numru ta' refuġjati jgħixu fuq xulxin, iżda fil-fatt li x-xogħol li beda jsir biex it-tfal Maltin jibdew jingħataw l-edukazzjoni ġie sfrattat. Il-gwerra kisret dan il-proċess u f'dan il-fatt l-aktar li batew kienu t-tfajliet. Bħala tifel, Dun Victor Grech seta' jkompli l-istudju tiegħu. Hu kien ixxurtjat li gawda mill-preżenza tal-*Freres* u matul is-snin tal-Gwerra nsibuh qed ikompli jieħu l-edukazzjoni tiegħu mill-Oratorju f'Birkirkara,[36] iżda l-problemi tad-distanzi kienu kbar. Kif jammetti ħuh Joe "*trid tistudja biex tkompli miexi 'l quddiem fil-karriera, waqt li l-bombi neżlin, f'atmosfera ta' biża' u tensjoni kontinwa.*"

Matul is-snin għoxrin u tletin kien sar tentattiv qawwi biex jiġu mgħallma b'mod partikolari t-tfal bniet. L-iskejjel ġodda primarji li bdew jinbnew f'dik il-ħabta kellhom sezzjoni speċjali għalihom b'bieb separat mnejn jidħlu t-tfal bniet. Iżda dawn it-tentattivi kollha ġew fix-xejn hekk kif bdiet il-gwerra. L-inkwiet tal-gwerra wassal biex l-edukazzjoni tagħhom tieħu daqqa ta' ħarta 'l isfel. L-iskejjel u t-tagħlim għalihom sar wieħed erratiku. Dawk li kienu jmorru fl-iskejjel primarji fl-inħawi tal-port kien ikollhom it-tagħlim tagħhom mitmum ħesrem hekk kif kien jindaqq xi *air-raid warning.* Aktar iva milli le, l-iskejjel kienu jkunu magħluqa.

Għas-subien kien aktar faċli li jitgħallmu, speċjalment jekk kienu jingħataw xi lezzjonijiet privati jew kienu fil-kampanja u setgħu jattendu xi wieħed mill-kulleġġi tal-Knisja, li f'dan il-perjodu kienu fil-maġġoranza għas-subien. Fiż-Żejtun, l-iskejjel għas-subien insibuhom jimxu min-naħa għall-oħra fl-istess raħal, imma l-bniet ma baqgħux jitgħallmu magħhom, fl-istess skola. Dun Joe Abela jiftakar biss tfal subien fil-klassi tiegħu matul dan iż-żmien tal-gwerra fiż-Żejtun. Bħala tifel, kien hemm miegħu jattendi dawn il-klassijiet Dun Anġ Seychell. Din ir-realtà kollha Dun Joe Abela ddeskriviha hekk:

36 Alfred Spiteri, *De La Salle College: Life at Cottonera 1939-1971*, Vol II, Malta, 1988, p. 24.

*"Fiż-Żejtun, l-iskola primarja kienet inbidlet fi sptar għas-suldati Ingliżi. It-tfal kienu marru f'diversi postijiet, fosthom il-każin tal-Beland, id-Domus, kien hemm dar f'Connought Street, u dawk li kienu joqogħdu fir-Raħal t'Isfel kienu jmorru jitgħallmu fil-knisja tas-Salvatur. Iż-Żejtun ħa l-okkażjoni tal-preżenza ta' refuġjati, u wieħed mit-teachers, li nsibuh jgħallem, kien Mr Baldacchino, li kien minn Bormla. Dawk imbagħad li kienu se jagħmlu l-eżami għal-Lyceum kien ikollhom dawk li kienu jissejħu 'continuation classes'. Jiġifieri waranofsinhar kienu jingħataw lezzjoni extra fl-Aritmetika u l-Ingliż. Din kienet tingħata fil-kuritur tad-Domus."*

Għan-nisa r-realtà kienet waħda aktar diffiċli. It-tagħlim tagħhom sar aktar erratiku. Ftit li xejn kellhom fejn jitgħallmu matul il-gwerra. Il-gwerra wasslet biex waqqfet iċ-ċans għal ħafna tfajliet li jkomplu bit-tagħlim sekondarju tagħhom. Dak li tgħallmu matul il-perjodu tagħhom fil-primarja, ippermettielhom li għall-inqas ikunu jafu jaqraw u jiktbu bil-Malti u bl-Ingliż tul ħajjithom kollha. Għalhekk wieħed ma jiskantax li din il-ġenerazzjoni u t-tfal tagħhom, speċjalment in-nisa tad-dar, kienu fuq quddiem u għatxana biex jisimgħu l-programmi tar-radju ta' Dun Victor Grech. Ommi kienet waħda mill-bniet ta' din il-ġenerazzjoni li l-gwerra laħqitha eżatt meta kellha tibda l-iskola sekondarja tagħha. Hija kienet waħda mill-eluf ta' nisa f'Malta li qatt ma kienu jitilfu l-programm ta' Dun Victor fuq ir-*Rediffusion*.

Dawn is-semmiegħa kienu parti minn reazzjoni akbar u aktar b'saħħitha. Minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija, jibda jsir diskors aktar b'saħħtu fost il-poplu Malti biex is-soċjetà tibda timxi fuq ippjanar razzjonali. F'dan il-qasam, il-Knisja Maltija kellha rwol importanti u Dun Victor Grech se jsir wieħed mill-aktar vuċijiet popolari tal-Knisja Maltija. Għal darba oħra, ħuh Joe jagħtina deskrizzjoni ħajja ta' dan kollu.

*"Sa mill-ewwel prietki tiegħu fiż-Żejtun, lin-nies kien isammarhom, kont tinnota mill-ewwel attenzjoni kbira. Ma kienx ibeżża' bl-infern u affarijiet hekk. Kien jara li l-messaġġ li jwassal ikun dejjem pożittiv. Kien jitkellem fuq issues attwali u kien imiss ta' spiss il-problemi soċjali. U meta tmiss il-problemi soċjali tkun ilqatt il-ħaddiem, il-batut, il-fqir. U għalhekk daħal mill-ewwel f'qalb in-nies. Meta għadda ż-żmien daħal fix-xandir u kellu l-programm 'Fejn Tmur il-Qalb'. U ġennen Malta bih. Tant irnexxa li dak il-ħin, minn xħin jibda l-programm sa xħin*

*jispiċċa, kulħadd b'widnejh mar-Redifussion kien ikun. Niftakar darba mort nixtri pakkett sigaretti minn ħanut tax-xorb, u kien hemm wieħed m'ogħla hawn, dar fuq il-barman u qallu 'Żaren, iftaħ ir-Redifussion għax beda Dun Victor'. U ħadd ma daħaq bih jew oġġezzjona. Hemmhekk indunajt kemm in-nies riedu jisimgħu l-kelma tiegħu."*

Iżda issa kien hemm ukoll kompetizzjoni minn *magazines*, ħafna drabi bl-Ingliż, li kienu jiddiskutu *issues* ta' natura sesswali b'mod aktar miftuħ. In-nisa jsiru ċ-ċentru ta' dan id-diskors kollu. Mhux biss għaliex se jingħataw il-vot, iżda wkoll għaliex issa jibda jsir diskors aktar ċar dwar l-edukazzjoni tat-tfajliet u dan se jgħin biex it-tfajliet infushom jibdew jaħsbu dwar li jagħmlu inqas tfal meta huma jikbru. L-edukazzjoni għolliet l-istatus tal-mara u n-nuqqas ta' trabi wassal biex in-nisa setgħu jikkulvitaw ġisimhom aħjar.

## Dun Victor jissemma darbtejn għall-Veskovat Malti

Dawn iż-żminijiet ta' wara l-gwerra kienu jirrappreżentaw sfidi ġodda għall-kleru Malti. L-Arċisqof Mikiel Gonzi kellu don li jagħraf il-kwalitajiet tas-seminaristi tiegħu u dawk li kienu jippromettu kien ġa jibda jippjana għalihom il-futur tagħhom fid-djoċesi. Fuq kollox, kien perjodu li Monsinjur Gonzi beda jagħżel dawk is-seminaristi li kienu jippromettu fl-Ingliż u bdew ikunu ppreparati għal xogħol ta' ċerta importanza, lil hinn mill-ħidma pastorali fil-parroċċi. Monsinjur Gonzi ried jibni klassi ġdida ta' kleru li jkun kapaċi jaffronta l-isfidi tad-dinja moderna u żżomm lill-Knisja bħala istituzzjoni ta' relevanza f'Malta.

Dun Victor Grech kien wieħed minn dawk is-seminaristi li ġew immarkati mill-bidu tad-dħul tagħhom fis-seminarju għal xogħol speċifiku fid-djoċesi. Kien ġie nnutat il-livell għoli ta' Ingliż li kellu u l-kwalitajiet naturali ta' tmexxija. Jidher ċar li Monsinjur Gonzi ra f'dan is-seminarista kandidat prospettiv li jista' jmexxi d-djoċesi u ġa minn meta kien għadu s-seminarju beda jingħata inkarigi importanti ħafna. F'dan il-perjodu, ir-rettur tas-seminarju kien is-Senglean Monsinjur Alberto Pantalleresco (1891-1963). Bħala Viċi-Rettur kien hemm Dun Pawlu Attard. Ġara li Monsinjur Pantalleresco marad, wisq probabbli, kawża taż-żmien li kien għamel internat fl-Uganda matul it-Tieni Gwerra. F'dan il-perjodu, il-Viċi-Rettur tas-Seminarju aktar kellu rwol ta' kompann

għar-Rettur milli persuna ta' amministrazzjoni. F'din is-sitwazzjoni, il-kwalitajiet tas-seminarista Grech bdew jispikkaw. Għalhekk ġie *hand picked* biex ikun il-prefett tas-seminarju maġġuri. Kien sigriet magħruf li kemm Monsinjur Pantalleresco u l-Arċisqof Gonzi kienu juru interess lejn dawk is-seminaristi li jkunu mill-Kottonera. F'din il-kariga beda jassisti lir-Rettur u minħabba l-mard tiegħu, is-seminarista Grech, kif stqarr miegħi Dun Mario Agius, li kien seminarista fil-kors ta' wara dak ta' Dun Victor, spiċċa *de facto* r-Rettur tas-Seminarju.

Ma hemmx dubju li f'dan il-perjodu tal-ħamsinijiet, l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien jara f'Dun Victor l-istess ħsibijiet soċjali, li l-istess Monsinjur Gonzi kellu fiż-żgħożija tiegħu, dik ta' Knisja li tħares lejn l-evoluzzjoni u l-kura soċjali mmexxija mill-prinċipji tal-Vanġelu. Kontra l-impressjoni li ngħatat fis-sittinijiet, Mikiel Gonzi ma kienx kontra l-klassi tal-batut u l-fqir. L-Arċisqof Gonzi kien favur l-avvanz ta' din il-klassi, iżda ma kienx jaqbel mal-mod ta' kif kien qed iġib ruħu Dom Mintoff.

Anki jekk l-istorja tinkiteb mir-rebbieħa, u f'din il-ġlieda, finalment Mintoff rebaħ, din kienet ġlieda ta' personalitajiet u ta' ħsibijiet u direzzjonijiet li kellu jieħu l-Partit Laburista u l-Knisja Maltija. Ftit illum jammettu li l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien wieħed mill-fundaturi tal-Partit Laburista. Kien anki senatur li jirrappreżenta dan il-partit. Dan il-fatt storiku kien ġie ridefinit matul is-snin għar-raġunijiet li l-Partit Laburista fittex li jerġa' jikteb l-istorja tiegħu. Iżda fil-verità, li jkollok qassis prominenti, bħalma kien Gonzi, wieħed mill-fundaturi tal-Partit Laburista f'Malta, jagħmel sens. L-ewwel, wieħed irid jiftakar li fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-Kattoliċi fir-Renju Unit kienu jivvutaw Labour. L-ikbar għadu tal-Kattoliċi fl-Ingilterra kien il-Partit Konservattiv. Għalhekk f'din il-pożizzjoni politika li Mikiel Gonzi kien qed jieħu, hu kien qed jadotta mudell Ingliż. It-tieni, l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien intbagħat jistudja f'Ruma, fl-Università Gregorjana, iżda r-residenza tiegħu f'Ruma kienet fil-Kulleġġ magħruf bħala Beda. F'dan il-kulleġġ kienu jintbagħtu joqogħdu l-qassisin Ingliżi li riedu jistudjaw Ruma. Din kienet realtà ġdida għal Malta, għaliex normalment, dawk is-seminaristi u qassisin magħżula biex isiru Isqfijiet kienu jintbagħtu f'kulleġġi oħra tal-Knisja. L-ewwel wieħed kien magħruf bħala *Pontificia Accademia Ecclesiastica* u t-tieni wieħed bħala *l'Almo Collegio Capranica*. Il-Capranica kien il-kulleġġ tal-Isqfijiet Taljani, waqt li l-*Pontificia Accademia* kienet tħarreġ l-aktar dawk li jkunu magħżula biex isiru isqfijiet ħalli jaħdmu fid-diplomazija Vatikana. Dan juri l-interess tad-djoċesi Maltija li bil-mod

il-mod trawwem kultura Ingliża fost il-kleru Malti. Proċess li se jiżdied hekk kif Monsinjur Gonzi jsir Arċisqof ta' Malta.

Dan il-ħsieb Laburista u dak tal-Klassi tal-Ħaddiema se jiġi f'konfront mar-radikali Soċjalisti. Għall-kuntrarju ta' Gonzi, dawn ma kinux imrawma fil-ħsieb Laburista Ingliż, iżda f'dak Soċjalista Franċiż, jiġifieri kienu mrawma fi ħsieb radikali u antiklerikali illuministiku. Fuq quddiem kien hemm nies bħal Vincenzo Bugeja u aktar tard anki Dwardu Cachia. Fuq kollox dawn jittieħdu mill-ħsieb Bolxevista Russu. Dawn it-tnejn, pereżempju, kienu fuq quddiem biex jiddikjaraw lilhom infushom atei, fil-linja tal-ħsieb illuministiku u Soċjalista Franċiż.

Persunaġġi bħal Pawlu Boffa jidħlu fil-ħsieb politiku tal-Labour Ingliż. Lil Boffa, wieħed isibu jaħdem f'soċjetajiet tal-*Mutuo Soccorso* Kattoliċi. Fi kliem ieħor, kien wieħed minn dawk il-Kattoliċi impenjati li bdew jimbuttaw l-enċiklika tar-*Rerum Novarum* f'pajjiżna. Iżda l-ġenerazzjoni l-ġdida, bħal dik li ried jibni Duminku Mintoff, se tkun waħda radikali. Waqt li r-radikaliżmu ta' Mintoff ma jasalx sal-ateiżmu, bħalma kien fil-każ ta' Dwardu Cachia jew Vincenzo Bugeja, xorta waħda jista' jkun aktar estrem, għaliex ispira ruħu mill-Bolxeviżmu Russu. Il-ġlieda politiko-reliġjuża trid tiġi wkoll studjata fuq din il-linja ta' ħsieb. F'dan il-kuntest, fil-grupp li saru qassisin ma' Grech, kien hemm Dun Anġ Seychell, li jirrappreżenta dan il-ħsieb storiku tal-Labour Ingliż iżda kien 'il bogħod mill-ħsieb Soċjalista Franċiż jew dak Bolxeviku – li t-tnejn kienu jaraw fl-ateiżmu, il-ħelsien u l-emanċipazzjoni tal-klassi tal-ħaddiema u allura kull forma ta' reliġjon riedet tkun imwarrba.

Fix-xewqa tal-Arċisqof Gonzi li kien jara f'Dun Victor Grech kandidat potenzjali biex isir Arċisqof ta' Malta, kien hemm interess tal-istess Arċisqof Mikiel Gonzi li jkollu suċċessur kapaċi biex ikun hemm mexxej tad-djoċesi Maltija li jkompli l-ħsieb soċjali u politiku skont l-enċiklika ta' Ljun XIII. F'Dun Victor Grech, żgur li Gonzi kien ra żagħżugħ li jista' jkompli jmexxi 'l quddiem il-kawża soċjali tal-Knisja. Wieħed irid jiftakar li l-persuna li kien ġie mitlub biex jassisti, jiġifieri Monsinjur Alberto V. Pantalleresco, kienet waħda mill-persuni li flimkien mal-Arċisqof Mikiel Gonzi u l-Patri Dumnikan Serafin Zarb,[37] issemmew bħala suċċessuri tal-Arċisqof Mauro Caruana fis-snin tletin, iżda Pantalleresco ma kienx aċċettabbli għall-Ingliżi minħabba li kien mitqies Nazzjonalist u pro-Taljan.[38]

37 Dominic Fenech, *The Making of Archbishop Gonzi,* Union Press, Valletta, Malta, 1976.
38 *The Bonham-Charter Diaries*, p. 296.

Iżda l-imġiba politika ta' Mintoff fuq naħa, u s-sitwazzjoni drammatika fil-Lvant tal-Ewropa fuq in-naħa l-oħra, se jibdlu l-affarijiet. F'dan il-perjodu tal-Gwerra l-Bierda, l-ideat xellugin kienu jidhru perikolużi. Il-persekuzzjonijiet fuq il-Knisja Kattolika fil-Lvant tal-Ewropa, b'mod partikulari matul is-snin ħamsin u sittin, kellhom effett dirett fuq x'tip ta' karattru kellu jkun l-Arċisqof futur ta' Malta.

F'din l-atmosfera politika ġdida, il-potenzjal ta' Dun Victor deher li kien se jkun moħli jekk jintgħażel Isqof. Kif qalli qassis li għex dan iż-żmien "*f'dawk iż-żminijiet biex taħdem b'mod effiċjenti mal-ħaddiema, fil-vokazzjonijiet u mal-Unions, eċċetra, aħjar ma tkunx isqof. Tpoġġih isqof tkun qed taħlih.*" Dak li hu żgur hu li minħabba l-inkarigu tiegħu fis-Seminarju, Dun Victor ma setax ikompli jistudja u qatt ma ntbagħat jistudja d-Dritt Kanoniku. Dan kien ifisser li fid-dinja ta' qabel il-Konċilju Vatikan II, u speċjalment dik Maltija, ma setax isir Isqof ta' Malta. Minflok, wara l-mewt ta' Monsinjur Pantalleresco li ġrat fl-1963, Dun Victor laħaq ir-Rettur tas-Seminarju.

F'dan l-istess żmien, għajnejn l-Arċisqof Gonzi jaqgħu fuq persuna oħra. Dan kien is-seminarista Annetto Depasquale. Hu kien ġie l-ewwel fil-kors tiegħu li spiċċa fl-1962, u rebaħ l-*ischolarship* tat-teoloġija u seta' jmur jistudja Ruma. Skont Dr Anton Depasquale, għall-ewwel ħuh Annetto ma riedx jieħdu l-*ischolarship* għax xtaq li jidħol mill-ewwel fil-ħidma pastorali f'Malta. Meta l-Arċisqof Gonzi insista miegħu li l-*ischolarship* kellu jieħdu, Dun Annetto kien talbu biex imur jistudja l-pastorali, iżda l-Arċisqof Gonzi qallu "*le, għax għandna bżonn lil min jispeċjalizza fid-Diritto Canonico f'Ruma*". Dan kien sinjal ċar li xtaqu jilħaq minfloku. Iżda meta ġie lura ma setax jagħmlu Vigarju Ġenerali minħabba li kien hemm l-Isqof Galea u warajh Monsinjur Arturo Bonnici u Monsinjur Carmelo Xuereb. Iżda l-konferma li l-Arċisqof Gonzi riedu warajh taha l-istess isqof għaliex meta aktar tard Annetto Depasquale kien daħal jgħallem l-Università, l-Arċisqof Gonzi kien ilmenta ma' qassis qrib tiegħu "*ara marli l-Università, aktar ma kont qed nittrenjah għal warajja.*"

Il-konfrontazzjoni bejn Mintoff u l-Knisja li bdiet minn wara l-isplit fi seħħ fi ħdan il-Partit Laburista fl-1949, tkompli tiżdied fit-tieni nofs tal-ħamsinijiet u tieħu dimensjoni grotteska fil-ġlieda politiko-reliġjuża tas-sittinijiet.

F'dan l-inkwiet tas-sittinijiet jidħol qassis ieħor fix-xena. Dan kien iż-Żejtuni Emmanuele Gerada. Fl-1967, Gerada sar Isqof Awżiljarju ta'

Malta bid-dritt għas-suċċessjoni wara l-Arċisqof Gonzi. Anki jekk ix-xogħol tal-Isqof Gerada kien importanti biex issolva l-ġlied bejn Mintoff u Gonzi, fl-1973, Monsinjur Gerada kien ġie appuntat Nunzju u dan kien ifisser li ma kienx se jkun l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta.

Meta l-Isqof Gerada laħaq Nunzju, bdew jissemmew żewġ persuni għall-veskovat ta' Malta. Dawn kienu l-patri Agostinjan Prospero Grech (illum Kardinal) u l-patri Dumnikan Mark Said. It-tnejn kienu validi u kull isem kien juri direzzjoni differenti li kellha tieħu d-djoċesi Maltija.

Patri Prospero kien ġie avviċinat matul din il-ġlieda minn Mintoff biex jidħol medjatur, ħalli Mintoff ikun jista' jagħmel taħditiet diretti mas-Santa Sede. Il-persuna li kienet issuġġeriet l-isem ta' Patri Prospero Grech lil Mintoff kienet is-Sinjura Josephine Burns Debono – omm il-professur Edward Debono. Barra mill-ħsibijiet soċjali tiegħu, Patri Prospero kellu min jiġi minnu involuti fil-Partit Laburista, primarjament Moses Gatt u l-Craigs ta' Vittoriosa. Patri Prospero ltaqa' ma' Dom Mintoff f'lukanda f'Ruma u wara li kienu ftiehmu, Patri Prospero, b'approvazzjoni ta' Mintoff, kien bagħat il-proposti tal-istess Mintoff lis-Santa Sede. Qassis infurmat tajjeb tal-fatti (iżda li xtaq jibqa' fl-anonimat), irrakkontali li kienu nqalgħu xi ntoppi fuq il-famużi sitt punti. F'dan il-kuntest, Mintoff kienet ħarġitlu kelma iebsa fuq Patri Prospero.

Skont is-Sur Amabile V. Galea, Monsinjur Gonzi kien poġġa l-*veto* tiegħu biex kemm Patri Prospero Grech u Patri Mark Said ma jsirux isqfijiet primarjament għaliex kienu reliġjużi, waqt li Patri Prospero kien ittimbrat Laburist. Fl-2006, Galea kiteb f'*The Sunday Times*[39] u l-istess storja reġa' qalha lil *The Times* fl-2012,[40] fejn qal li f'Awwissu, waqt li kien qed iċempel, daħlet linja fuq oħra u kien sema' diskors, fejn persuna kienet qed tinforma lil xi ħadd ieħor fuq in-naħa l-oħra, li l-Arċisqof Gonzi ma ried l-ebda wieħed minn dawn it-tnejn, jiġifieri Patri Prospero u Patri Mark, warajh bħala isqof.

Jekk dawn il-ġrajjiet jistgħu jinstemgħu bħala aneddoti f'din l-analiżi fuq Dun Victor Grech, dak li se jseħħ wara jkompli jafferma l-apprezzament u l-fiduċja li l-kleru Malti kellu f'Dun Victor minħabba l-impenn u l-ħsieb soċjali tiegħu. Fl-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II kienet saret konsultazzjoni mad-djoċesi kollha, fejn il-qassisin u numru ta' lajċi

39 http://www.timesofmalta.com/articles/view/20061015/letters/a-successor-for-mgr-gonzi.38440 (Aċċessata fl-20 ta' Ġunju 2014).

40 http://www.timesofmalta.com/articles/view/20120113/letters/Both-a-tribute-and-recognition.402132 (Aċċessata fl-20 ta' Ġunju 2014).

ġew mitluba juru min xtaqu jkun arċisqof ġdid tal-gżira wara Monsinjur Gonzi, li minħabba r-riformi tal-Konċilju Vatikan II, issa kellu jagħti r-riżenja tiegħu. Fl-1973, l-Arċisqof Gonzi kellu 88 sena, waqt li wara l-Konċilju Vatikan II, persuna setgħet tibqa' isqof sa 75 sena. L-aktar żewġ persuni fost il-kleru sekulari (jiġifieri l-qassisin) li bdew jissemmew kienu Dun Victor Grech u l-Professur Carmelo Muscat. Għalkemm Dun Victor ma kellux dottorat, il-fatt li kellu l-Liċenzjat (jiġifieri l-maġisteru fit-Teoloġija) mill-Università ta' Malta kien qed ikun mitqies suffiċjenti biex jilħaq isqof. Kien hemm għajdut li kemm Dun Victor u l-Professur Muscat kellhom l-appoġġ taż-żewġ partiti ewlenin.

Għalkemm matul il-ġlieda politiko-reliġjuża, Dun Victor Grech kien mal-Arċisqof Gonzi, għaliex il-lealtà tiegħu dejjem kienet lejn il-Knisja, xorta waħda kien mitqies minn xi wħud li jxaqleb lejn il-Partit Laburista. Dan jista' jkun minħabba l-impenn soċjali li kellu bħala saċerdot favur il-fqir u l-batut. Min-naħa l-oħra, il-Professur Carmelo Muscat kien il-kandidat favorit tal-Partit Nazzjonalista.

Kienu anki jsemmu xi qassisin oħra, bħar-Rabti Dun Benny Tonna u Dun Philip Calleja. Ġara iżda li minn din il-konsultazzjoni kollha ma seħħ xejn u s-Santa Sede għażlet bħala Arċisqof għal Malta qassis Għawdxi, Ġużeppi Mercieca. L-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Ġużeppi Pace, ried lil Monsinjur Mercieca bħala s-suċċessur tiegħu, u kien bagħtu jistudja l-Capranica, iżda minflok l-Isqof Pace, kien intgħażel Monsinjur Nikol Cauchi. Dan kien l-ewwel darba fl-istorja tad-djoċesi Maltija fejn qassis minn Għawdex (jiġifieri minn djoċesi oħra) sar Arċisqof ta' Malta mingħajr ma qabel kien sar Isqof ta' Għawdex. Minħabba l-mod ta' kif kienet saret l-għażla ta' Monsinjur Mercieca, xi saċerdoti, fosthom Fr Peter Serracino Inglott, kienu l-protagonisti ta' ittra ta' protesta mibgħuta lis-Santa Sede. F'din l-ittra wrew id-diżappunt tagħhom talli dik il-konsultazzjoni kollha kienet ġiet injorata.

## Il-Politika ta' wara s-Snin Sittin

Il-ġlieda politiko-reliġjuża tas-sittinijiet uriet li Malta kienet issa qed issir belt waħda, ċentru wieħed, mingħajr periferija. Fuq livell ta' mġiba, Malta bdiet issir parti minn dik li fil-letteratura Franċiża tissejjaħ bħala '*grand culture*.' F'dan l-ispazju ġdid żviluppa kull tip ta' ħajja differenti. Dan il-proċess ta' żvilupp illum sar wieħed omoġenju ma' Malta kollha, bir-riżultat li qed naraw problemi soċjali marbuta ma' din id-dinja post-industrijali komuni kullimkien. Dun Victor Grech kien wieħed minn tal-ewwel, u forsi qabel ħafna f'Malta, li ra dawn it-tibdiliet deħlin u offra soluzzjonijiet prattiċi għalihom. Rahom deħlin meta ħaddieħor, inkluż politiċi fis-sebgħinijiet u tmeninijiet lanqas biss kienu għadhom ħolmu bihom jew inkella kienu, bħalma jiġri ħafna drabi fil-politika, *in denial*. Il-mistoqsija issa se tkun kif amministratur jista' jdawwar dan il-proċess kollu? Kif wieħed se jikkumbatti dawk l-effetti negattivi li kull tibdil iġib miegħu?

It-tweġiba ta' Dun Victor kienet dejjem marbuta ma' azzjoni nisranija. Għal darba oħra, se nkun qed nirrikorri lejn ħuh, biex wieħed jifhem il-pjan soċjali li ħadem bih Dun Victor Grech.

> *"Darba mort mal-mara tiegħi naraw lil ommi l-Furjana. Aħna u ħerġin, kien nieżel it-taraġ biex iwassalna qabel noħorġu, dar lejja u qalli: 'Joe, ili ġimgħa ma norqod.' Staqsejtu għaliex. Qalli li ġo fih kien qed iħoss xi ħaġa li l-Mulej xtaqu joħroġha. Taf x'kienet? Il-Caritas. Kienet ħolma għalih. Qabel daħal kompletament għaliha kien mar għal xi żmien f'Pariġi, f'nofs id-drogati, apposta biex jifhem aħjar lid-drogati u l-problemi tagħhom. Darba kien qalli li mar jixrob f'night club li kien rinomat għaż-żgħażagħ drogati li jiffrekwentawh. Kien iċċassa u impressjona ruħu u kważi beża' jara żgħażagħ fl-aħjar tagħhom, anki inqas minn 18-il sena, mitluqin mal-art u mitlufin minn sensihom. Il-problema tad-droga ried litteralment imissha b'idejh qabel imidd għonqu għax-xogħol favur dawn il-persuni, li ddedika parti kbira minn ħajtu għalihom, u għadu jagħmel hekk sal-lum permezz tas-servizzi li tagħti l-Caritas."*

Il-proċessi ta' tibdil issa huma marbuta ma' żewġ pożizzjonijiet teoretiċi prinċipali. It-tnejn ġejjin mit-teoriji tax-xellug. Hawn qed nirreferi għat-terminu Marxista ta' eġemonija (jew għaqda). Iżda ħassieba Marxisti

jaraw l-eġemonija b'mod differenti. Lenin raha bħala l-għodda li biha l-ħaddiem seta' jimxi 'l quddiem. Dan kien il-mudell adottat mill-kamp tax-xellug f'Malta fil-passat. Iżda ħassieb ieħor Marxista, it-Taljan Antonio Gramsci, jara fl-eġemonija l-għodda tar-reżistenza għat-tibdil. Fil-verità, din hija l-problema ta' Malta tal-lum. Il-klassi li spiċċat tikkmanda ħolqot eġemonija ta' poter u ma tantx hija lesta li tħalli dak il-poter jgħaddi f'idejn ħaddieħor jew f'idejn is-soċjetà ċivili.

Kif wera tant tajjeb Dun Victor Grech bix-xogħol li hu wettaq fil-Caritas, is-soċjetà ċivili hija meħtieġa għaliex ix-xogħol tagħha jintiseġ max-xogħol tal-istat. Fin-nuqqas ta' dan kollu, jirbaħ il-ħsieb neoliberali. Dan il-ħsieb jirrenja għaliex is-saħħa kollettiva tan-nazzjon li tibdel sistemi eżistenti hija limitata ħafna. Jekk fil-passat l-ekonomista John Maynard Keynes offra t-triq tan-nofs għaż-żewġ pożizzjonijiet ekonomiċi estremi, jiġifieri bejn il-liberaliżmu assolut tas-seklu dsatax u l-komuniżmu stalinista kif imħaddem fis-seklu għoxrin. Illum dan il-kompromess storiku ma għadux jgħodd u l-unika triq li fadal għall-Ewropa, li issa anki tilfet kull sens ta' għaqda, hija dik li tirritorna lejn l-għeruq tal-kultura soċjali Nisranija. Il-moderniżmu anjostiku wassal biex il-bniedem qed iħossu aktar waħdu f'dinja li qed issir dejjem aktar fatalista. Il-futur fl-Ewropa ma jinsabx għalhekk fil-politika, li se tkun sfiduċjata dejjem aktar, iżda kif fakkar George Steiner, fl-NGOs, speċjalment dawk kommessi bis-serjetà għat-tixrid tal-ġid soċjali.

Fis-seklu dsatax, it-teoriji ta' Malthus dwar il-bżonn li t-tkabbir tal-popolazzjoni jkun ikkontrollat kien fiċ-ċentru ta' diskussjoni u kontroversji. Żgur li ma baqax popolari u ġie mitqies bħala irrelevanti għad-dinja moderna. Iżda mbagħad, il-ħsibijiet tiegħu bdew jittieħdu bis-serjetà wara t-Tieni Gwerra. Is-segwaċi tiegħu saru magħrufa bħala n-neomalthusjani. In-neomalthusjani jaħsbu li d-dinja qiegħda timxi lejn diżastru. Id-diskors tagħhom idur madwar kemm id-dinja ma tistax tkabbar il-popolazzjoni tagħha.

Għal din ir-raġuni, in-neomalthusjani jaħsbu li l-affarijiet iridu jmorru l-ewwel ħażin qabel ma jibdew sejrin tajjeb. Malthus jibda biex jiddiskuti l-effett tal-ġuħ fuq il-fiżiku tal-bniedem iżda jgħid li fejn hemm il-faqar, il-karità ma taħdimx. Il-karità jista' jkollha effett immedjat, iżda fuq il-medda twila tas-snin, hija *self-defeating.* Bħala ħsieb, dan imur kontra Keynes u sar is-sisien tal-ħsieb neoliberali. L-argument hu wieħed sempliċi. L-ippumpjar tal-flus fl-ekonomija mill-Istat ma jagħti l-ebda soluzzjoni għaliex anki jekk se żżid il-flus fiċ-ċirkulazzjoni, se jiżdiedu b'mod naturali

l-prezzijiet, waqt li tiġi kkreata sezzjoni ta' nies, imsejħa minn Garrett Hardin bħala *free-raiders*, li jirkbu fuq is-sistemi soċjali tal-Istat.[41]

Dun Victor Grech ma tantx jista' jitqies *supporter* ta' dawn il-ħsibijiet neo-malthusjani. Il-kultura Kattolika li trabba fiha żgur ma tistax tħallih jaħseb fuq dawn it-termini. Dawn imorru lilhinn minn dak li kien jitgħallem fil-klassijiet tad-duttrina f'Bormla u aktar tard fiż-Żejtun, iżda fil-verità, wara dak it-tagħlim li llum għal ħafna nies adulti jidher bħala irrelevanti u ta' fantaxjenza, hemm ħsibijiet profondi ta' kif titmexxa soċjetà. F'termini ta' ħsieb aktar wiesa', dak li qed jitqies fid-deklin, se jerġa' jitla' 'l fuq minn hawn u ftit snin oħra għaliex, għall-inqas, f'termini demografiċi, l-element reliġjuż se jerġa' jkun fuq quddiem fl-ekwazzjoni tal-ħsieb politiku. Finalment, il-familji li qed jagħmlu l-aktar tfal illum, jiġifieri dawk li qegħdin jaqbżu dak li fid-demografija hu magħruf bħala '*the replacement level*' mhumiex dawk li qed iħaddnu xi ħsieb liberali jew Marxista, iżda dawk il-familji ta' matriċi reliġjuża. Forsi ftit qed jintebħu, is-soċjetà miexja lejn era ġdida, dik li George Steiner sejjaħ bħala dinja post-sekulari.

## Konklużjoni

Is-soċjologu Israeli-Amerikan Aaron Antonovsky ħareġ b'terminu ġdid, dak magħruf bħala *salutogenesis*. Dan it-terminu ħolqu biex juri l-mod pożittiv li wieħed għandu jistudja t-tibdil soċjali. Fi kliem ieħor, kompla fuq dak li kien inbeda fl-istudji demografiċi. Meta twieled Victor Grech, fl-aħħar tas-snin għoxrin, id-demografi kienu jistudjaw il-*life expectancy* skont il-mard. Illum qed tkun ikkalkulata skont kemm wieħed jgħix aħjar. B'hekk illum qed naħsbu f'termini pożittivi ta' dak li jissejjaħ *well-being* aktar milli f'termini ta' mard, meta jiġi biex jagħmel *assessment* tas-socjetà kontemporanja.

Dawn il-ftit ħsibijiet juru biss it-trasformazzjoni li s-soċjetà Maltija, bħal dik Ewropea, għaddiet minnha. Is-soċjetà tagħna għaddiet matul is-snin ta' wara l-Gwerra mill-*baby boom*, għal *baby crack*. Dawn il-kambjamenti demografiċi qatt ma rajniehom iseħħu fl-istorja tal-popolazzjoni Maltija qabel u żgur mhux se nerġgħu nesperjenzawhom fil-futur qarib

41 Garrett Hardin, "The Tragedy of the Commons", *SCIENCE*, 1968, Vol. 162, no. 3859, pp 1243-1248.

jew imbiegħed. Iżda t-tibdil li qed iseħħ fis-soċjetà tagħna hu wieħed permanenti għaliex issa s-soċjetà kollha daħlet fil-paradigma ta' Stone u dan it-tibdil demografiku ma għadux xi fattur li jolqot ftit familji biss bħalma kien il-każ taż-żminijiet ta' qabel il-gwerra. Illum f'Malta hawn aktar minn 50% tal-popolazzjoni li taf tikteb u taqra. Il-familji jħaddnu strutturi nukleari u waqgħu n-numru ta' tfal u l-fertilità tagħhom.

Dan il-kambjament demografiku ġab esperjenzi ġodda f'pajjiżna. Dun Victor Grech għexhom b'impenn soċjali u kif ukoll jixhed wieħed mill-ismijiet li ngħata fil-magħmudija b'ġenerożità. Dawn l-esperjenzi wrew li jekk wieħed se jagħmel gwerra, pereżempju, kontra d-droga, jew kontra strutturi ġodda ta' familja, din il-gwerra ġa mitlufa qabel bdiet. Wieħed forsi jistaqsi għaliex? Iżda dan imur lilhinn mill-istudju tiegħi.

Iżda jekk hemm eżempju li jispjega dan kollu huwa l-kwistjoni reċenti dwar id-dħul tad-divorzju f'Malta. Din il-ġlieda wriet li l-isfidi ġodda għall-familji Maltin se jikbru u mhux se jonqsu. Naħseb li l-mod kif ċerti problemi soċjali ġew trattati, aktar se jagħtu lok għat-tkabbir ta' dawn il-problemi, milli tnaqqis tagħhom. Anki l-kwistjoni tad-divorzju trid tkun spjegata fid-dawl tas-soċjetà industrijali. Goode kien wieħed minn dawk li qabad il-barri minn qrunu u tkellem ċar dwar il-problemi assoċjati mad-divorzju. Hu wera kemm l-industrijalizzazzjoni kellha effetti ħżiena fuq ir-rati tad-divorzju. Dan wassal biex isiru leġiżlazzjonijiet li jagħmlu d-divorzju iktar faċli. Ma' dan għandhom ikunu assoċjati kostumi bħal dawk tal-koabitazzjoni jew għala ċerti nies ma għadhomx jippreferu li jiżżewġu. Goode jitkellem dwar il-problemi kkawżati mid-divorzju, speċjalment il-kwistjoni relatata mat-trobbija tal-ulied u bir-riżultat li dawk il-familji mmexxijin minn mara – bħala l-kap tagħhom – iżidu. Goode jargumenta li f'dawk il-pajjiżi fejn ir-rati tad-divorzju jsiru għoljin, id-divorzju jsir parti mis-sistema minħabba li jkun stabbilit dak li hu sejjaħ '*stable high-divorce-rate.*' Għalhekk dawn il-pajjiżi jridu jikkreaw normi ta' sapport soċjali (u mhux biss liġijiet) ħalli jnaqqsu l-effetti ħżiena tiegħu. B'hekk strutturi bħal Caritas se jkollhom rwoli ġodda fis-soċjetà tagħna tal-futur u l-Knisja Maltija trid tbiddel l-istrutturi tagħha, u tieqaf tħares lejn it-tradizzjoni bħala s-salvazzjoni tagħha. Jekk ma tagħmilx hekk se ssir irrelevanti. Ma hemmx toroq oħra ħlief li taġġorna ruħha għal dawn ir-realtajiet il-ġodda jekk trid tibqa' relevanti għas-socjetà Maltija.

Mhux faċli li wieħed isib is-soluzzjonijiet. Iżda l-aqwa soluzzjonijiet huma dawk meħuda fuq livell żgħir fi ħdan l-istess komunità jew kif jissejħu bħala '*small scale solutions*'. Din kienet ir-risposta passata li tat il-Knisja meta

ħolqot ħafna strutturi żgħar fi ħdanha, bħal fratellanzi, fundazzjonijiet pii, u ħafna tipi oħra ta' strutturi biex tipprovdi għajnuniet soċjali. Din kienet ukoll ir-risposta ta' Dun Victor Grech matul it-tmexxija tiegħu tal-Caritas.

Waqt li ħafna minn dawn l-istrutturi qodma raw deklin wara l-gwerra, għaliex tilfu l-*ethos* oriġinali tagħhom, li jkunu ta' għajnuna lil għajrhom u minflok saru strutturi li aktar moħħhom li jorganizzaw il-festi u tiżjin tal-altari, oħrajn ġodda kibru u tkattru. Iżda fiċ-ċentru ta' dawn l-assoċjazzjonijiet hemm l-element ta' dak li bl-Ingliż jissejħu '*best practices*'. Kienu dawn il-'*best practices*' li Dun Victor Grech sab madwaru u ispira ruħu minnhom u żviluppahom fuq livelli ġodda nazzjonali.

Dun Victor Grech irrisponda għal dawn l-isfidi l-ġodda kemm permezz tal-programm tiegħu fuq ir-Redifussion– *Fejn Tmur il-Qalb*, li ma kienu xejn għajr problemi li kienu jiktbulu n-nies, b'enfasi fuq sitwazzjonijiet familjari differenti, frott ta' din is-soċjetà industrijali Maltija. Min-naħa l-oħra ħadem kemm felaħ biex jitwaqqfu dawk l-istituzzjonijiet ta' sapport soċjali maħsuba bħala terapija għall-gruppi u fuq kollox billi daħal fil-Caritas Malta u għamilha istituzzjoni nazzjonali. Fuq kollox, Dun Victor irrealizza li dawn l-istrutturi kollha jiddependu fuq element wieħed kardinali għas-suċċess tagħhom – dak tal-fiduċja – *trust*. Induna li fil-fiduċja hemm l-element importanti u l-kundizzjoni kruċjali għall-iżvilupp tas-soċjetà futura f'Malta.

B'hekk, kontra dak li jaħsbu ħafna politiċi, l-element finanzjarju u dak ekonomiku għandhom effett newtrali fuq l-evoluzzjoni demografika. Lanqas id-demokrazija ma tista' tikkontrolla d-demografija. Dak li għandu effett fuq id-demografija huma r-reġim edukattiv u l-istrutturi tal-familja. Naħseb li dan hu dak li pprova jagħmel Dun Victor Grech meta uża l-għodda tax-xandir bħala strument tal-edukazzjoni tal-massa. L-edukazzjoni mbagħad tgħin it-tranżizzjoni demografika. Kienet din it-tranżizzjoni li għenet il-popolazzjonijiet fl-Ewropa, inkluża dik Maltija, biex jibnu istituzzjoni tajba ta' tmexxija politika. Hawnhekk fejn jidħlu l-pijunieri soċjali: Dun Victor Grech hu wieħed mill-esponenti f'pajjiżna li ħadmu biex jipprovdulna governanza aħjar.

Dun Victor Grech investa l-enerġija kollha tiegħu għall-*well-being* ta' dik il-parti tas-soċjetà li kienet qiegħda tesperjenza tnaqqis jew tbatijiet soċjali u anki spiritwali. Naħseb dan hu dak li jagħmel minn Dun Victor Grech il-persuna ta' suċċess, iżda ċ-ċavetta ta' dan kollu tinsab fil-ġenesi tal-industrijalizzazzjoni tal-gżira u fis-snin imbiegħda tat-tletinijiet f'Bormla tas-seklu għoxrin.

## Bibljografija

Antonovsky, Aaron, *Health, Stress and Coping*, Jossey-Bass, San Francisco, 1979.

Calleja, Joe, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000*, Malta, 2001.

Craig, Carol, *The Tears that made the Clyde*, Echo eBooks Limited, 2010.

Fawcett, Edmund, *Liberalism: The Life of an Idea,* Princeton University Press, Princeton, 2014.

Fenech, Dominic, *The Making of Archbishop Gonzi*, Union Press, Valletta, Malta, 1976.

Flandrin, Jean-Louis, *Families in former Times. Kinship, Household and Sexuality*, Cambridge University Press, Cambridge, 1982.

Goode, William J. *World Revolution and Family Patterns*, New York: Free Press, 1963.

Hardin, Garrett, "The Tragedy of the Commons", *SCIENCE*, 1968, Vol. 162, no. 3859, pp 1243-1248.

Hobsbawm, Eric, *How to Change the World: Reflections on Marx and Marxism*, Yale University Press, Yale, 2011.

Mallia Milanes, Victor, *De La Salle College: A Study in Growth, 1903-1938*, Vol. I, Malta, 1979.

Mercieca, Simon, 'Malta: Les arsenaux maritimes au cours des années aperçu de leurs dimensions urbaines', *La Navigation du Savoir Étude de sept arsenaux historiques de la Méditerranée*, editjat Simon Mercieca, Robert Ghirlando u Renault, (Malta 2006), pp. 170 - 225.

Mercieca, Simon, *L-Isfidi Demografiċi tal-Bieraħ, tal-Lum u ta' Għada: Ħarsa Storika minn Żmien il-Gvern ta' Ġorġ Borg Olivier sal-Lum*, PIN, 2012.

Spiteri, Alfred, *De La Salle College: Life at Cottonera 1939-1971*, Vol. II, Malta, 1988.

Stone, Lawrence, "The Educational Revolution in England, 1560 –1640," *Past and Present* (1964) 28 (1): 41-80.

*The Bonham-Carter Diaries 1936-1940*, Editjati u b'introduzzjoni ta' John Manduca, PEG, Malta, 2004.

## Appendiċi 1

**Ġenjoloġija tal-Familja Grech**

**Joseph Grech u Caterina Gafà żżewġu ż-Żejtun fl-20 ta' April 1926.**
Joseph hu bin il-mejjet Emanuel u Victoria Diacono.
Catherina kienet bint Michelis Gafà u Maria Bonnici.

**Emmanuel Grech u Victoria Diacono żżewġu l-Isla fil-25 ta' Jannar 1891**
Emmanuel kien bin Paolo Grech u Michelina Scicluna.
Victoria kienet bint Vincenzo Diacono u Carmela Farrugia.

**Vincenzo Diacono u martu Carmela Farrugia żżewġu Bormla fil-25 ta' April 1852.**
Vincenzo bin il-mejjet Paolo Diacono u Giuseppa Catania mill-Isla.
Carmela bint Lorenzo Farrugia u Maddalena Caruana minn Bormla.

## Appendiċi 2

**Ġenjoloġija tal-Familja Gafà**[42]

**Michele Gafà u Maria Bonnici żżewġu ż-Żejtun fid-29 ta' April 1888.**
Michele kien bin Giovanni Battista Gafà u Josepha Ellul miż-Żejtun.
Maria Bonnici kienet bint Giuseppe Bonnici u Maria Carmela Bonnici miż-Żejtun.

**Giovanni Battista Gafà u Josepha Ellul iżżewġu ż-Żejtun fl-10 ta' Jannar 1857.**
Giovanni Battista kien bin Agostino Gafà u l-mejta Maria Concetta Caruana miż-Żejtun.
Josepha Ellul kienet bint Andrea Ellul u Theresia Catania miż-Żejtun.

**Joseph Bonnici u Maria Carmela Bonnici żżewġu ż-Żejtun fit-28 ta' April 1872.**
Joseph kien it-tifel ta' Vincenzo Bonnici u Theodora Cauchi.
Maria Carmela kienet it-tifla ta' Antonio Bonnici u Maddalena Carabott miż-Żejtun.

**Vincenzo Bonnici u Theodora Cauchi żżewġu ż-Żejtun fit-18 ta' Settembru 1841.**
Vincenzo kien it-tifel ta' Giovanni Bonnici u Evanġelista Caruana miż-Żejtun.
Theodora kienet it-tifla ta' Giuseppi Cauchi u Caterina Gafà miż-Żejtun.

42 Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Frans Mercieca u lis-Sur Michael Buhagiar tal-għajnuna tagħhom f 'din ir-riċerka.

**Antonio Bonnici u Maria Carabott iżżewġu ż-Żejtun fit-13 ta' Ġunju 1837.**
Antonio Bonnici kien bin Mario u Vincenza Mifsud miż-Żejtun.
Maria Carabott kienet bint Giuseppe Carabott u Caterina Abela miż-Żejtun.

**Andrea Ellul u Teresia żżewġu ż-Żejtun fl-1 ta' Ottubru 1837.**
Andrea bin Philippo Ellul u Maria Zammit miż-Żejtun.
Teresia bint il-mejjet Joseph Catania u Caterina Spiteri miż-Żejtun.

**Giovanni Bonnici u Evanġelista Caruana żżewġu ż-Żejtun fid-9 ta' Frar 1800.**
Giovanni Bonnici kien bin Michel Angelo Bonnici u Maria Seychell miż-Żejtun.
Evanġelista kienet bint il-mejjet Andrea Caruana u Maria Farrugia miż-Żejtun.

**Mario Bonnici u Vincenza Mifsud iżżewġu ż-Żejtun fit-18 ta' Jannar 1803.**
Mario kien bin il-mejjet Aloisio Bonnici u Clara Micallef miż-Żejtun.
Vincenza bint Angelo Mifsud u Domenica Gatt.

**Giuseppe Carabott u Caterina Abela żżewġu ż-Żejtun fil-31 ta' Jannar 1804.**
Giuseppe kien bin Michele Carabott u Giuseppa Tonna.
Caterina kienet bint Antonio Abela u Teresa Bonnici.

**Giuseppi Cauchi u Caterina Gafà żżewġu Ħaż-Żabbar fis-17 ta' Jannar 1808.**
Giuseppi kien bin Vincenzo u Anna Carabott minn Bormla.
Caterina kienet bint il-mejjet Giuseppi Gafà u Anna Darmanin minn Ħaż-Żabbar.

**Agostino Gafà u Maria Concetta Caruana żżewġu ż-Żejtun fid-29 ta' April 1826.**
Agostino kien bin Pietro Gafà u Caterina miż-Żejtun.
Maria Concetta kienet bint Lorenzo Caruana u Anna Bonnici miż-Żejtun.

**Filippo Ellul u Maria Zammit iżżewġu ż-Żejtun fil-31 ta' Jannar 1809.**
Filippo kien iben il-mejjet Pawlu Ellul u martu Beatrice Bardon minn Porto Salvo l-Belt.
Maria kienet bint Maurizio Zammit u Maddalena Caruana miż-Żejtun.

**Joseph Catania u Caterina Spiteri żżewġu ż-Żejtun fit-30 ta' Mejju 1809.**
Joseph kien bin Michele Catania u Anna Maria da Trapani mill-Isla.
Caterina kienet bint Paolo Spiteri u Teresa Caruana miż-Żejtun.

**Pietro Gafà u Caterina Bonavia żżewġu fl-1 ta' Awwissu 1802 miż-Żejtun.**
Pietro kien bin Agostino Gafà u Tommasa.
Caterina kienet bint Angelo Bonavia u Maria Xuereb.

**Lorenzo Caruana u Anna Bonnici żżewġu fid-29 ta' Mejju 1778 f'Porto Salvo Valletta.**
Lorenzo kien bin il-mejjet Antonio Caruana u Modesta u armel ta' Maria. Hu kien minn Porto Salvo.
Anna kienet bint Pietro Bonnici u Caterina. Hija kienet armla ta' Salvatore Mifsud minn Porto Salvo.

**Andrea Caruana u Maria Farrugia żżewġu ż-Żejtun fis-26 ta' Novembru 1777.**
Andrea kien bin Giuseppe u l-mejta Maria miż-Żejtun.
Maria kienet bint Giovanni Farrugia u l-mejta Evanġelista miż-Żejtun.

**Michelangelo Bonnici u Maria Seychell iżżewġu ż-Żejtun fit-13 ta' Frar 1770.**
Michelangelo kien bin il-mejtin Lorenzo u Teresa u armel ta' Maria minn Porto Salvo, il-Belt. Michelangelo Bonnici kien isiefer għax biex iżżewweġ kellu jġib l-Istat Liberu.
Maria kienet bint Giuseppe Seychell miż-Żejtun.

**Joseph Gafà u Anna Darmanin iżżewġu Ħaż-Żabbar fit-28 ta' Lulju 1776.**
Joseph kien bin Giovanni Maria Gafà u Evanġelista minn Ħaż-Żabbar.
Anna kienet bint Paolo Darmanin u Giuseppa minn Ħaż-Żabbar.

## Appendiċi 3



# Appendiċi 4



Agostino Gafà
Angelo Bonavia
Antonio Caruana
Pietro Bonnici
Pawlu Ellul
Maurizio Zammit
Michele Catania
Paolo Spiteri
Michele Angelo Bonnici
Andrea Caruana
Vincenzo Cauchi
Joseph Gafà
Alosio Bonnici
Angelo Mifsud
Michele Carabott
Alosio Abela
Tommasa
Maria Xuereb
Modesta
Caterina
Beatrice Bardon
Maddalena Caruana
Anna Maria da Trapani
Teresa Caruana
Maria Seychel
Maria Farrugia
Anna Carabott
Anna Darmanin
Clara Micallef
Domenica Gatt
Giuseppa Tonna
Teresa Bonnici
Pietro Gafà
Caterina Bonavia
Lorenzo Caruana
Anna Bonnici
Filippo Ellul
Maria Zammit
Joseph Catania
Caterina Spiteri
Giovanni Bonnici
Evangelista Caruana
Giuseppi Cauchi
Caterina Gafà
Mario Bonnici
Vincenza Mifsud
Giuseppe Carabott
Caterina Abela
Agostino Gafà
Maria Concetta Caruana
Andrea Ellul
Teresa Catania
Vincenzo Bonnici
Thedora Cauchi
Antonio Bonnici
Maddalena Carabott
Giovanni Battista Gafà
Josepha Ellul
Joseph Bonnici
Maria Carmela Bonnici
Michele Gafà
Maria Bonnici
Caterina Gafà